Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,650, 22 ta' Mejju, 2026

Taqsima B

A.L. 162 tal-2026

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 76 u 96 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Kooperazzjoni ma' Ġurisdizzjonijiet Oħra fuq Kwistjonijiet ta' Taxxa, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 123.127.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali it-tifsira "Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva" għandha tiġi sostitwita bit-tifsira ġdida li ġejja:

> ""Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva" tfisser id-Direttiva tal-Kunsill 2011/16/UE tal- 15 ta' Frar 2011 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni u li tħassar id-Direttiva 77/799/KEE kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2014/107/UE, u bid-Direttivi tal-Kunsill (UE) 2015/2376, 2016/881, 2018/822, 2020/876, 2021/514, 2023/2226 u 2025/872;".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-proviso għas-subregolament (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bil-proviso ġdid li ġej:

> "Iżda l-ebda persuna ma tista' tintalab tipprovdi informazzjoni li hija s-suġġett ta' privileġġ ta' bejn avukat u klijent. Għall-finijiet ta' dan is-subregolament, "informazzjoni li hija s-suġġett ta' privileġġ ta' bejn avukat u klijent" tfisser komunikazzjonijiet kunfidenzjali bejn klijent u avukat jew rappreżentant legali ieħor magħmula għall-finijiet ta' tfittix jew għoti ta' parir legali jew għall-finijiet ta' użu fi proċeduri legali

diġà eżistenti jew kontemplati.".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara s-subregolament (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Fejn kwalunkwe persuna li mingħandha l-Kummissarju jkun talab informazzjoni skont dawn ir-regolamenti jew l-artikolu 10A tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa, jiżvela lill-persuna kkonċernata jew lil terza parti l-fatt li l-informazzjoni ġiet mitluba mill-Kummissarju jew li l-informazzjoni ġiet trasmessa jew tista' tiġi trasmessa lill-Kummissarju, tali persuna għandha tkun ħatja ta' reat u għandha teħel meta tinstab ħatja multa li ma teċċedix mija u ħmistax-il elf euro (€115,000) jew priġunerija għal żmien li ma jeċċedix sentejn (2) jew tali multa u priġunerija flimkien.".

Kap. 372.

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fil-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "fl-arranġament rilevanti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fl-arranġament rilevanti;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) l-għoti ta' informazzjoni x'aktarx iwassal għall-żvelar ta' sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku.".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

6. Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika lill-awtorità kompetenti dwar kwalunkwe Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea l-informazzjoni kollha disponibbli li tikkonċerna lir-residenti ta' dak l-Istat Membru ieħor, dwar il-kategoriji speċifiċi ta' dħul u ta' kapital li ġejjin:

(a) dħul minn impjieg;

(b) drittijiet tad-direttur;

(ċ) prodotti tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja li ma humiex koperti minn strumenti legali oħra tal-Unjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni u miżuri simili oħra;

(d) pensjonijiet;

(e) sjieda ta' proprjetà immobbli u d-dħul minnha;

(f) royalties;

(g) dħul minn dividend mingħajr kustodja li ma jkunx dħul minn dividendi li jkunu eżenti minn taxxa fuq id-dħul dwar kumpaniji skont l-Artikoli 4, 5 jew 6 tad-Direttiva tal-Kunsill 2011/96/UE tat-30 ta' Novembru 2011 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpaniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti, kif trasposta permezz tar-Regolamenti dwar Direttivi tal-Unjoni Ewropea.";

L.S. 123.74.

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti f'Malta għandhom iwettqu r-regoli ta' rappurtaġġ u tad-diliġenza dovuta li huma inklużi fl-Annessi I u II. Skont tali rappurtaġġ applikabbli u r-regoli ta' diliġenza dovuta, l-awtorità kompetenti f'Malta għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika lill-awtorità kompetenti ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor, l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' perjodi taxxabbli sa mill-1 ta' Jannar 2016 li tikkonċerna Kont Rapportabbli ta' residenti f'dak l-Istat Membru l-ieħor:

(a) l-isem, l-indirizz, in-NITs u d-data u l-post tat-twelid, fil-każ ta' individwu, ta' kull Persuna Rapportabbli li hija Detentur ta' Kont tal-kont u, fil-każ ta' kwalunkwe Entità li hija Detentur tal-Kont u li, wara l-applikazzjoni ta' regoli ta' diliġenza dovuta konsistenti mal-Annessi I u II, hija identifikata bħala li għandha waħda (1) jew aktar Persuni Kontrollati li huma Persuni Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, u n-NITs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, in-NITs u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Rapportabbli;

(b) in-numru tal-kont, jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas tan-numru tal-kont;

(ċ) l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni, jekk ikun hemm, tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti;

(d) il-bilanċ tal-kont jew il-valur inkluż, fil-każ

ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, il-Valur fi Flus jew il-valur ta' ċessjoni, sa mill-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti jew xi perjodu ieħor ta' rappurtaġġ adatt ieħor jew, jekk il-kont ingħalaq matul tali sena jew perjodu, l-għeluq tal-kont;

(e) fil-każ ta' Kont ta' Kustodja:

(i) l-ammont gross totali ta' interessi, l-ammont gross totali ta' dividendi, u l-ammont gross totali ta' dħul ieħor iġġenerat fir-rigward tal-assi miżmuma fil-kont, f'kull każ imħallas jew ikkreditat lill-kont, jew fir-rigward tal-kont, matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor; u

(ii) ir-rikavat gross totali mill-bejgħ jew l-ammortament ta' Assi Finanzjarji mħallsa jew ikkreditati lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti aġixxiet bħala kustodju, intermedjarju, persuna nominata, jew inkella bħala aġent tad-Detentur ta' Kont;

(f) fil-każ ta' kwalunkwe Kont Depożitarju, l-ammont gross totali ta' interessi mħallsa jew ikkreditati lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor;

(g) fil-każ ta' kwalunkwe kont mhux deskritt fil-paragrafi (e) jew (f), l-ammont gross totali mħallas jew akkreditat lid-Detentur tal-Kont fir-rigward tal-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti hija l-obbligant jew id-debitur, inkluż l-ammont aggregat ta' kwalunkwe ħlasijiet ta' ammortament magħmula lid-Detentur tal-Kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ addatt ieħor;

(h) jekk ġietx provduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull Detentur ta' Kont;

(i) ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull

Persuna Rapportabbli li tkun Persuna Kontrollanti ta' Detentur ta' Kont ta' Entità hi Persuna Kontrollanti tal-Entità u jekk ġietx mogħtija awtoċertifikazzjoni valida għal kull tali Persuna Rapportabbli;

(j) it-tip ta' kont, jekk il-kont huwiex Kont Preeżistenti jew Kont Ġdid u jekk il-kont huwiex kont konġunt, inkluż in-numru ta' Detenturi tal-Kont konġunt; u

(k) fil-każ ta' kwalunkwe Interess ta' Ekwità miżmum f'Entità ta' Investiment li jkun arranġament ġuridiku, ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom il-Persuna Rapportabbli tkun detentur ta' Interess ta' Ekwità:

Iżda għall-finijiet ta' skambju ta' informazzjoni taħt dan is-subregolament, sakemm ma jkunx previst xort'oħra f'dan is-subregolament jew fl-Annessi, l-ammont u l-karatterizzazzjoni tal-ħlasijiet magħmula fir-rigward tal-Kontijiet Rapportabbli għandhom jiġu stabbiliti skont il-liġijiet ta' Malta:

Iżda wkoll l-ewwel paragrafu ta' dan is-subregolament għandu jipprevali fuq il-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) jew kwalunkwe strument legali ieħor tal-Unjoni, inkwantu l-iskambju ta' informazzjoni inkwistjoni jkun jaqa' fil-kamp tal-applikazzjoni tal-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) jew ta' kwalunkwe strument legali ieħor tal-Unjoni.";

(ċ) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (d) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) (i) il-paragrafi (a) u (b) ma għandhomx japplikaw f'każ fejn deċiżjoni antiċipata transkonfinali tikkonċerna u tinvolvi esklussivament kwistjonijiet fiskali ta' persuna fiżika waħda (1) jew aktar:

Iżda fejn tali deċiżjoni antiċipata

transkonfinali tkun ġiet mogħtija, emendata jew imġedda wara l-1 ta' Jannar, 2026 u fejn:

(A) l-ammont tat-tranżazzjoni jew serje ta' tranżazzjonijiet tad-deċiżjoni antiċipata transkonfinali jeċċedi miljun u ħames mitt elf euro (€1,500,000) jew l-ammont ekwivalenti fi kwalunkwe munita oħra jekk tali ammont jissemma' fid-deċiżjoni antiċipata transkonfinali; jew

(B) id-deċiżjoni antiċipata transkonfinali tiddetermina jekk persuna tkun jew ma tkunx residenti f'Malta għall-finijiet ta' taxxa;

(ii) għall-finijiet tal-paragrafu (A) tal-proviso għas-subparagrafu (i) u bla ħsara għall-ammont imsemmi fid-deċiżjoni antiċipata transkonfinali, f'serje ta' tranżazzjonijiet ta' oġġetti, servizzi jew assi differenti, l-ammont tad-deċiżjoni antiċipata transkonfinali għandu jinkludi l-valur sottostanti totali. L-ammonti ma għandhomx jiġu aggregati jekk l-istess oġġetti, servizzi jew assi jiġu nnegozjati diversi drabi;

(iii) minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (B) tal-proviso għas-subparagrafu (i), l-iskambju ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet antiċipati transkonfinali li jikkonċernaw persuni fiżiċi ma għandux jinkludi tali deċiżjonijiet dwar it-tassazzjoni f'ras l-għajn fir-rigward tal-introjtu ta' persuni mhux residenti minn impjieg, drittijiet tad-direttur jew pensjonijiet.";

(ii) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

- is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) l-identifikazzjoni tal-persuna, għajr persuna fiżika, ħlief fejn id-deċiżjoni antiċipata transkonfinali tikkonċerna persuna fiżika u għandha tiġi kkomunikata skont il-paragrafi (a) u (d), u fejn xieraq il-grupp ta' persuni li tappartjeni għalih;";

- is-subparagrafu (xi) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(xi) l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe persuna, għajr persuna fiżika, ħlief meta d-deċiżjoni antiċipata transkonfinali tikkonċerna persuna fiżika u għandha tiġi kkomunikata skont il-paragrafi (a) u (d), fl-Istati Membri tal-UE l-oħra, jekk ikun il-każ, li x'aktarx ikunu milquta mid-deċiżjoni antiċipata transkonfinali jew minn arranġamenti preliminari ta' prezzijiet ta' trasferiment;";

(d) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament, kwalunkwe terminu kapitalizzat għandu jkollu t-tifsira kif mogħtija lilu fit-tifsiriet stabbiliti fl-Annessi.";

(e) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fit-tieni proviso għall-paragrafu (e) tiegħu l-kliem "jista' jiddetermina." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "jista' jiddetermina:" u minnufih wara għandhom

jiġu miżjuda l-provisos ġodda li ġejjin:

Kap. 377.

"Iżda wkoll intermedjarju li l-professjoni tiegħu skont l-Att dwar Segretezza Professjonali hija dik ta' avukat, nutar u prokuratur legali u tali intermedjarju jkun irrinunzja għal tali obbligu ta' rappurtar, l-intermedjarju għandu jinnotifika, mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn sebat (7) ijiem tax-xogħol mid-data rilevanti stabbilita mill-paragrafu (a), lill-klijent tiegħu, jekk dak il-klijent ikun intermedjarju jew, fejn ma jkun hemm l-ebda tali intermedjarju, dak il-klijent ikun il-kontribwent rilevanti, dwar l-obbligi ta' rappurtar ta' dak il-klijent skont is-subregolament (6). Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, it-terminu "klijent" ifisser kwalunkwe intermedjarju jew kontribwent rilevanti, li jirċievi servizzi, inklużi assistenza, parir, konsulent jew gwida, minn professjonist legali kif imfissra skont id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni, fir-rigward ta' arranġament transkonfinali rapportabbli:

Iżda wkoll b'effett mill-1 ta' Jannar 2027, intermedjarju għandu jkollu biss id-dritt għal rinunzja milli jippreżenta informazzjoni dwar arranġament transkonfinali rapportabbli skont dan is-subregolament jekk tali intermedjarju jkun professjonist legali kif imfisser skont id- Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.";

(ii) il-paragrafu (o) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

- is-subparagrafu (i) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"(i) l-identifikazzjoni ta' intermedjarji, għajr l-intermedjarji eżentati mill-obbligu ta' rapportar skont il-paragrafu (e), u l-kontribwenti rilevanti, inkluż isimhom, id-data u l-post tat-twelid, fil-każ ta' individwu, ir-residenza għal finijiet ta' taxxa, in-NIT u, fejn xieraq, il-persuni li huma intrapriżi assoċjati mal-kontribwent rilevanti;";

- is-subparagrafu (iii) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(iii) sommarju tal-kontenut tal-arranġament transkonfinali rapportabbli, inkluż referenza għall-isem li bih huwa magħruf b'mod komuni, jekk ikun il-każ, u deskrizzjoni tal-arranġamenti rilevanti u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tgħin lill-awtorità kompetenti riċeventi sabiex tivvaluta riskju tat-taxxa potenzjali, mingħajr ma dan iwassal sabiex jiġi żvelat sigriet kummerċjali, industrijali jew professjonali, jew ta' proċess kummerċjali, jew ta' informazzjoni li l-iżvelar tagħha jmur kontra l-ordni pubbliku;";

(f) is-subregolament (8) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (b) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) għall-informazzjoni stabbilita fis-subregolament (2), annwalment, fi żmien disa' (9) xhur wara t-tmiem tas-sena ta' stima li matulha l-informazzjoni saret disponibbli:

Iżda l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkomunika l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi (h) sa (k) fir-rigward tal-perjodi taxxabbli mill-1 ta' Jannar 2026;";

(ii) fil-paragrafu (f) tiegħu l-kliem "mill-1 ta' Jannar 2023." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2023;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) għall-informazzjoni stabbilita fis-subregolament (13), fi żmien disa' (9) xhur wara t-tmiem tas-sena kalendarja li magħha jirrelataw ir-rekwiżiti ta' rappurtaġġ applikabbli għal Fornituri ta' Servizzi ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta. L-ewwel informazzjoni għandha tiġi kkomunikata għas-sena kalendarja rilevanti jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar mill-1 ta' Jannar 2026.";

(g) is-subregolament (9) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) it-tifsira "skambju ta' informazzjoni awtomatiku" tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

- il-paragrafu (a) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) għall-finijiet tas-subregolamenti (1), (3), (4), (7), (12) u (13), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni mfissra minn qabel lil Stat Membru ieħor, mingħajr talba preċedenti, f'intervalli regolari stabbiliti minn qabel. Għall- finijiet tas-subregolament (1), ir-referenza għal informazzjoni disponibbli għandha x' taqsam ma' informazzjoni fil-fajls tat-taxxa ta' Malta, li tista' tinkiseb skont il-proċeduri għall-ġbir u l- ipproċessar ta' informazzjoni f 'Malta;";

- il-paragrafu (ċ) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ)għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet ta'dawn ir-regolamenti li jimplimentaw id-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, minbarra s-subregolamenti (1), (2), (3), (4), (7), (12) u (13), il-komunikazzjoni sistematika ta' informazzjoni mfissra minn qabel ipprovduta fil-paragrafi (a) u (b);";

(ii) fil-paragrafu (d) tat-tifsira "deċiżjoni antiċipata transkonfinali" minnufih wara l-kliem "stabbiliment permanenti" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "jew għall-kwistjoni dwar jekk persuna fiżika hijiex jew ma hijiex residenti għal finijiet ta' taxxa fl-Istat Membru li joħroġ id-deċiżjoni" ;

(iii) fit-tifsira "arranġament imfassal għal għan speċifiku" tiegħu l-kliem "arranġament kummerċjabbli." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "arranġament kummerċjabbli;" u minnufih wara għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

"dħul minn dividend mingħajr kustodja" tfisser dividendi jew dħul ieħor trattat bħala dividendi fl-Istat Membru ta' min iħallas, li jitħallsu jew jiġu kkreditati f'kont li ma huwiex Kont ta' Kustodja kif imfisser fil-subparagrafu (3) tal-paragrafu Ċ tat-Taqsima VIII, tal-Anness I;

"prodotti tal-assigurazzjoni tal-ħajja mhux koperti minn strumenti legali oħra tal-Unjoni dwar l-

iskambju ta' informazzjoni u miżuri simili oħra" tfisser Kuntratti tal-Assigurazzjoni, għajr Kuntratti tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus soġġetti għal rapportar taħt it-Taqsima I tal-Anness I, fejn il-benefiċċji taħt il-kuntratti huma pagabbli mal-mewt ta' detentur ta' polza;

"indirizz tar-reġistru distribwit" tfisser l-indirizz tar-reġistru distribwit imsemmi fir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937;";

(h) fil-paragrafu (f) tas-subregolament (10) tiegħu l-kliem "mill-1 ta' Jannar 2023." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "mill-1 ta' Jannar 2023;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(g) id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2)(h) sa (k) u (13) għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.";

(i) is-subregolament (12) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fis-subparagrafu (xii) tal-paragrafu (ċ) tiegħu l-kliem "tal-Perjodu Rapportabbli:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Perjodu Rapportabbli;" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(xiii) l-identifikatur tas-Servizz ta' Identifikazzjoni u l-Istat Membru tal-ħruġ, fejn l-Operatur tal-Pjattaforma Rapportanti jibbaża fuq konferma diretta tal-identità u tar-residenza tal-Bejjiegħ permezz ta' Servizz ta' Identifikazzjoni magħmul disponibbli minn Stat Membru jew li tipprovdi l-Unjoni biex jiżgura l-identità u r-residenza tat-taxxa tal-Bejjiegħ; f'tali każijiet ma huwiex meħtieġ li tiġi kkomunikata l-informazzjoni msemmija fis-subparagrafi (iii) sa (vii) lill-Istat Membru tal-ħruġ tas-Servizz ta' Identifikazzjoni;";

(ii) fit-tieni proviso għall-paragrafu (e) tiegħu l-

kliem "tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "tal-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta:" u minnufih wara għandu jiġi miżjud il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti skont it-tifsira tas-subparagrafu A(4)(b) tat-Taqsima I tal-Anness V ma għandux ikun meħtieġ jirreġistra mal-Kummissarju għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti, jekk tali Operatur tal-Pjattaforma jkun residenti għall-finijiet ta' taxxa f'ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jkollha Ftehim dwar Awtorità Kompetenti li Jikkwalifika, li diġà tipprovdi għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni ekwivalenti ma' Malta dwar Bejjiegħa Rapportabbli residenti f'Malta.";

(iii)fis-subparagrafu (iii) tal-paragrafu (g) tiegħu l-kliem "għandha tagħmel talba lill-Kummissjoni sabiex jitħassar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għandha tneħħi";

(j) minnufih wara s-subregolament (12) tiegħu, kif emendat, għandu jiġi miżjud is-subregolament ġdid li ġej:

"Skambju awtomatiku ta' informazzjoni rappurtata mill-Fornituri ta' Servizz dwar Kriptoassi.

(13) (a) Fornitur ta' Servizz dwar Kriptoassi li Jirrapporta f'Malta għandu japplika l-proċeduri dwar diliġenza dovuta u jissodisfa r-rekwiżiti ta' rappurtaġġ stabbiliti fit-Taqsimiet II u III tal-Anness VI.

(b) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha, permezz ta' skambju awtomatiku, tikkomunika l-informa-zzjoni speċifikata fil-paragrafu (ċ) lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri tal-UE kkonċernati fil-perjodu ta' żmien stabbilit fis-subregolament (8)(g).

(ċ) L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tikkomunika l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' kull Persuna Rapportabbli:

(i) l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NITs u, fil-każ ta' individwu, id-data u l-post tat-twelid ta' kull Utent Rapportabbli u, fil-każ ta' xi Entità li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsima III tal-Anness VI tkun identifikata li jkollha Persuna Kontrollanti waħda (1) jew aktar li tkun Persuna Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza u n-NIT tal-Entità u l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NIT u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Kontrollanti tal-Entità li tkun Persuna Rapportabbli, kif ukoll ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull tali Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità:

Iżda meta l-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jiddependi fuq konferma diretta tal-identità u tar-residenza tal-Persuna Rapportabbli permezz ta' Servizz ta' Identifikazzjoni magħmul disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni sabiex jiġu aċċertati l-identità u r-residenza tat-taxxa tal-Persuna Rapportabbli, l-informazzjoni li għandha tiġi komunikata lill-Istat Membru li jkun ħareġ l-identifikatur tas-Servizz ta' Identifikazzjoni fir-rigward tal-Persuna Rapportabbli għandha tinkludi l-isem, l-identifikatur tas-Servizz ta' Identifikazzjoni u l-Istat Membru tal-ħruġ, kif ukoll ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità;

(ii) l-isem, l-indirizz, in-NIT u, jekk disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni individwali msemmi fil-paragrafu (g) u l-identifikatur globali tal-entità ġuridika, tal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti;

(iii) għal kull tip ta' Kriptoassi Rapportabbli li fir-rigward tiegħu Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jkun wettaq Tranżazzjonijiet Rapportabbli matul is-sena kalendarja rilevanti jew f'xi perjodu ieħor xieraq ta' rapportar, fejn rilevanti:

(A) l-isem sħiħ tat-tip ta' Kriptoassi Rapportabbli;

(B) l-ammont gross aggregat imħallas, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapport-abbli fir-rigward tal-akkwisti kontra l-Munita ta' Kors Legali;

B 1656

(Ċ) l-ammont gross aggregat riċevut, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapport-abbli fir-rigward tad-disponi-menti kontra l-Munita ta' Kors Legali;

(D) il-valur tas-suq ġust aggregat, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward tal-akkwisti kontra Kriptoassi Rapportabbli oħra;

(E) il-valur tas-suq ġust aggregat, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward ta' disponimenti kontra Kriptoassi Rapportabbli oħra;

(F) il-valur tas-suq ġust aggregat, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli ta' Pagamenti bl-Imnut;

(G) il-valur tas-suq ġust aggregat, l-għadd aggregat ta' unitajiet u l-għadd ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli u suddiviżi skont it-tip ta' trasferiment fejn dan ikun magħruf mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti, fir-rigward ta' trasferimenti lill-Utent Rapportabbli mhux koperti mill-punti (B) u (D);

(H) il-valur tas-suq ġust aggregat, kif ukoll l-għadd aggregat ta' unitajiet tat-Tranżazzjonijiet Rapportabbli, u suddiviżi skont it-tip ta' trasferiment fejn dan ikun magħruf mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti, fir-rigward ta' Trasferimenti mill-Utent Rapportabbli li ma jkunux koperti mill-punti (Ċ), (E) u (F); u

(I) il-valur tas-suq ġust aggregat, kif ukoll l-għadd aggregat ta' unitajiet tat-Trasferimenti mwettqa mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għall-indirizzi tar-reġistru distribwit imsemmi fir-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937 mhux magħrufin li huma assoċjati ma' fornitur ta' servizzi ta' assi virtwali jew ma' Istituzzjoni Finanzjarja:

Iżda għall-finijiet tal-punti (B) u (Ċ), l-ammont imħallas jew riċevut għandu jiġi kkomunikat fil-Munita ta' Kors Legali li fiha jkun tħallas jew ġie riċevut. F'każ li l-ammonti ġew imħallsa jew riċevuti f'diversi Muniti ta' Kors Legali, l-ammonti għandhom jiġu kkomunikati f'Munita ta' Kors Legali waħda, ikkonvertiti fiż-żmien ta' kull Tranżazzjoni Rapportabbli b'mod li jiġi applikat b'mod konsistenti mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti:

Iżda wkoll għall-finijiet tal-punti (D) u (I), il-valur ġust tas-suq għandu jiġi ddeterminat u kkomunikat f'Munita ta' Kors Legali waħda, stmata fil-waqt ta' kull Transazzjoni Rapportabbli b'mod li jiġi applikat b'mod konsistenti mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti:

Iżda wkoll l-informazzjoni kkomunikata għandha tispeċifika l-Munita ta' Kors Legali li fiha jiġi rrappurtat kull ammont.

(d) Il-Kummissjoni Ewropea ma għandux ikollha aċċess għall-informazzjoni msemmija fis-subparagrafi (ċ)(i) u (ii).

(e) Għall-finijiet tal-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar imsemmija fil-paragrafu (a), Operatur tal-Kriptoassi fi ħdan it-tifsira tas-subparagrafu B(2) tat-Taqsima IV tal-Anness VI għandu jirreġistra mal-Kummissarju b'tali mod u f'tali perjodu ta' żmien li l-Kummissarju jista' jeħtieġ, permezz ta' linji gwida ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

Kap. 123.

(f) Operatur tal-Kriptoassi li r-reġistrazzjoni tiegħu tkun ġiet irtirata f'konformità mas-subparagrafu F(7) tat-Taqsima V, tal-Anness VI għandu jitħalla jirreġistra mill-ġdid biss jekk jipprovdi lill-Kummissarju assigurazzjoni xierqa fir-rigward tal-impenn tiegħu li jikkonforma mar-rekwiżiti ta' rapportar fl-Unjoni, inkluż kwalunkwe rekwiżit ta' rapportar mhux rispettat pendenti.

(g) Il-paragrafi (e) u (f) ma għandhomx ikunu applikabbli għal Forniturі ta' Servizzi ta' Kriptoassi fi ħdan it-tifsira li tinsab fis-subparagrafu B(1) tat-Taqsima IV, tal-Anness VI.".

7. Ir-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 18 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu l-kliem "skont l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skont l-Atti dwar it-Taxxa fuq l-*Income*." u l-kliem "kif ukoll il-VAT u taxxi indiretti oħra:" għandhom jiġi sostitwiti bil-kliem "kif ukoll il-VAT, taxxi indiretti oħra, dazji imposti mid-dwana, u kontra ħasil ta' flus u l-ġlieda kontra l-iffinanzjar tat-terroriżmu:";

(b) minnufih wara l-paragrafu (b) tas-subregolament (2) tiegħu, għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"(ċ) L-awtorità kompetenti f'Malta li tirċievi informazzjoni u dokumenti tista' tuża' wkoll l-informazzjoni u d-dokumenti riċevuti mingħajr il-permess imsemmi fil-paragrafu (a) għal kwalunkwe għan li hu kopert b'att ibbażat fuq l-Artikolu 215 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u tiskambja għal tali għan mal-awtorità kompetenti li taħtha jaqgħu l-miżuri restrittivi f'Malta skont id-deċiżjoni meħuda taħt l-imsemmi Artikolu 215.";

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) Meta l-awtorità kompetenti f'Malta tqis li l-informazzjoni li tkun irċeviet mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor fl-UE x'aktarx li tkun utli għall-finijiet imsemmija fis-subregolament (1)(a) għal awtorità kompetenti ta' Stat Membru terz, hi tista' tagħti tali informazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' dan tal-aħħar, diment li t-trażmissjoni tkun skont ir-regoli u l-proċeduri stabbiliti f'dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinforma lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li minnu tkun oriġinat l-informazzjoni dwar l-intenzjoni tagħha li taqsam l-informazzjoni mal-Istat Membru terz. L-Istat Membru ta' oriġini tal-informazzjoni jista' jopponi għal tali tqassim ta' informazzjoni fi żmien ħmistax (15)-il jum kalendarju minn meta jirċievi l-komunikazzjoni mill-awtorità kompetenti f'Malta li trid taqsam l-informazzjoni.".

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

8. Ir-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit

bis-subregolament ġdid li ġej:

"(1) (a) Kull skambju ta' informazzjoni skont dawn ir-regolamenti għandu jsir skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*, inklużi r-regolamenti magħmula taħtu.

Kap. 586.

(b) Il-Kummissarju jista' jirrestrinġi d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 13, l-Artikolu 14(1) u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2016/679, fejn tali restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u hija miżura meħtieġa u proporzjonata f'soċjetà demokratika sabiex tissalvagwardja l-objettiv stabbilit fl-Artikolu 23(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/679. Qabel ma japplika restrizzjoni, il-Kummissarju għandu jwettaq valutazzjoni tal-ħtieġa u tal-proporzjonalità u jkun jista' juri li l-applikazzjoni tar-restrizzjoni hija meħtieġa u proporzjonata.

(ċ) Il-Kummissarju għandu jżomm rekord ta' kwalunkwe tali restrizzjoni u r-raġunijiet għal tali restrizzjoni.

(d) Fejn tapplika restrizzjoni, il-Kummissarju għandu jinforma lis-suġġett tad-data, bil-miktub, dwar id-drittijiet u l-obbligi li jkunu qegħdin jiġu ristretti, ir-raġuni għal tali restrizzjoni, u d-dritt tiegħu li jippreżenta ilment dwar il-protezzjoni tad-data mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data:

Iżda dan ir-rekwiżit ma għandux japplika fejn tali informazzjoni tista' tkun ta' preġudizzju għall-fini tar-restrizzjoni.

(e) Il-Kummissarju għandu perjodikament jirrevedi d-deċiżjoni li tapplika restrizzjoni u jivvaluta l-ħtieġa u l-proporzjonalità tagħha sabiex jiżgura li l-ġustifikazzjoni għar-restrizzjoni tkun għadha valida:

Iżda meta r-raġuni għar-restrizzjoni ma tibqax tapplika, il-Kummissarju għandu jneħħi r-restrizzjoni mingħajr dewmien żejjed.

(f) L-uffiċjal tal-protezzjoni tad-data għandu jiġi kkonsultat, kif xieraq u fil-ħin, fir-rigward ta' tali restrizzjoni kif imsemmi fil-paragrafu (a), kemm qabel kif ukoll matul iż-żmien kollu ta' tali restrizzjoni.";

(b) is-subregolament (3) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(3) L-Istituzzjonijiet Finanzjarji Rapportanti f'Malta, l-intermedjarji, l-Operaturi tal-Pjattaforma Rapportanti f'Malta, il-Fornituri ta' Kriptoassi Rapportanti u l-awtorità kompetenti f'Malta għandhom jiġu meqjusa bħala kontrolluri tad-data meta, filwaqt li jaġixxu waħidhom jew b'mod konġunt ma' oħrajn, jiddeterminaw l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar tad-data personali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*.";

Kap. 586.

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1), il-Kummissarju għandu jiżgura li kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta, intermedjarju, jew Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta, jew Fornitur ta' Kriptoassi Rapportanti, skont il-każ, li jaqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' Malta:

(a) jinforma lil kull individwu konċernat li l-informazzjoni relatata ma' tali individwu għandha tinġabar u tiġi trasferita skont dawn ir-regolamenti; u

(b) jipprovdi lil kull individwu kkonċernat bl-informazzjoni kollha li l-individwu jkun intitolat li jirċievi mingħand il-kontrollur tad-data fi żmien suffiċjenti sabiex tali individwu jeżerċita d-drittijiet tal-protezzjoni tad-data tiegħu u, fi kwalunkwe każ, qabel ma tiġi rapportata l-informazzjoni:

Iżda minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament, kull Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta għandu jinforma lill-Bejjiegħa Rapportabbli dwar il-korrispettiv irrappurtat.";

(d) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) L-informazzjoni pproċessata skont dawn ir-regolamenti ma għandhiex tinżamm aktar milli jkun meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti:

Iżda l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta permezz ta' skambju awtomatiku ta' informazzjoni skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) sa (13) tar-regolament 13 għandha tinżamm għal perjodu mhux itwal minn dak meħtieġ iżda fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn ħames (5) snin mid-data li ġiet riċevuta sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti.".

Jemenda r-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali.

9. Ir-regolament 22 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "u (12)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "u (13)";

(b) minnufih wara s-subregolament (6) tiegħu, għandhom jiġu miżjuda s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(7) Għandha tiġi adottata formola standard, inklużi l-arranġamenti lingwistiċi, mill-Kummissjoni tal-UE skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 26(2) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva qabel it-30 ta' Ġunju 2025. L-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar kriptoassi rapportabbli skont ir-regolament 13(13) għandu jitwettaq bl-użu ta' din il-formola standard. Din il-formola standard ma għandhiex teċċedi id-dettalji għall-iskambju ta' informazzjoni elenkati fir-regolament 13(13)(ċ) u dettalji oħra relatati marbuta ma' dawn il-komponenti li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tar-regolament 13(13).

(8) Entità rapportanti tista' tikseb konferma permezz ta' mezzi elettroniċi dwar il-validità tal-informazzjoni tan-NIT ta' kwalunkwe kontribwent, kif soġġett għall-iskambju ta' informazzjoni taħt ir-regolament 13(1) sa (13). Il-konferma tal-informazzjoni fuq in-NIT tista' tintalab biss għall-finijiet ta' validazzjoni tal-korrettezza tad-data msemmija fir-regolament 13(1), (2), (3)(e), (4)(ċ), (7)(o), (12)(ċ) u (13)(ċ). Entità rapportanti tista' tikkonferma l-validità ta' informazzjoni tan-NIT permezz ta' għodda li għandha tiġi provduta mill-Kummissjoni tal-UE, li tippermetti verifika elettronika u awtomatizzata tal-korrettezza tat-NIT provduta minn entità

rapportanti jew kontribwenti għall-finijiet tal-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni.".

Jemenda l-artikolu 33 tar-regolamenti prinċipali.

10. Is-subregolament (1) tar-regolament 33 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Meta Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar tonqos milli tkun konformi ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti fil-Ftehim FATCA jew fir-Regolamenti FATCA, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar teħel dawn il-penali:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fejn Istituzzjoni Finanzjarja tonqos milli tikkonforma ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti fil-Ftehim FATCA jew fir-Regolamenti FATCA, l-Istituzzjoni Finanzjarja għandha teħel:";

(b) fil-paragrafu (e) tiegħu l-kliem "Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta ta' Rappurtar" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Istituzzjoni Finanzjarja".

Jemenda r-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali.

11. Is-subregolament (2) tar-regolament 35 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-avviż imsemmi fis-subregolament (1) jista' jiġi notifikat lill-persuna rilevanti bl-istess mod kif deskritt fl-artikolu 29(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.".

Kap. 372.

Jemenda l-artikolu 44 tar-regolamenti prinċipali.

12. Is-subregolament (1) tar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) il-kliem "Meta Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti tonqos milli tkun konformi ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti teħel dawn il-penali li ġejjin:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Fejn Istituzzjoni Finanzjarja tonqos milli tikkonforma ma' xi wieħed mill-obbligi stabbiliti fid-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, l-Istituzzjoni Finanzjarja għandha teħel:";

(b) fil-paragrafu (f) tiegħu, il-kliem "Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Istituzzjoni Finanzjarja".

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

13. Minnufih wara r-regolament 52 tar-regolamenti prinċipali

għandhom jiġu miżjuda r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Effettività ta' kooperazzjoni amministrattiva.

53. L-effettività tal-kooperazzjoni amministrattiva skont dawn ir-regolamenti u skont id-Direttiva tal-UE dwar l-Kooperazzjoni Amministrattiva, inkluż fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-evitar tat-taxxa, għandha tiġi sorveljata u valutata mill-awtorità kompetenti f'Malta fir-rigward tagħha stess u din għandha tikkomunika r-riżultati tal-valutazzjoni tagħha lill-Kummissjoni tal-UE darba fis-sena.

Penali amministrattivi għal nuqqas ta' konformità.

54. (1) Fejn Fornitur ta' Servizzi ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli josserva l-obbligi stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, il-Fornitur ta' Servizzi ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jeħel:

(a) fejn Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli jirreġistra mal-Kummissarju skont ir-regolament 13(13)(e) u b'tali mod u fi żmien li l-Kummissarju jeħtieġ, penali amministrattiva ta' ħames mitt euro (€500);

(b) fejn Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli jżomm id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni li jkun ġabar waqt li kien qiegħed josserva l-obbligu ta' diliġenza dovuta u ta' rappurtar għal perjodu minimu ta' ħames (5) snin li jibda mill-aħħar tas-sena li għaliha l-informazzjoni tirrelata, penali amministrattiva ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500);

(ċ) fejn Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrapportata skont it-Taqsima II tal-Anness VI sas-żmien stipulat fit-Taqsima III, penali amministrattiva ta':

(i) elfejn u ħames mitt euro (€2,500); u

(ii) mitt euro (€100) għal kull ġurnata li matulha n-nuqqas jissussisti, liema penali amministrattiva u penali għal kull ġurnata ma għandhomx fl-aggregat jeċċedu għoxrin elf euro (€20,000);

(d) fejn Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli jirrapporta l-informazzjoni meħtieġa li tiġi rrapportata skont it-Taqsima II tal-Anness VI b'mod komplet u preċiż, penali amministrattiva ta':

(i) fil-każ ta' żbalji żgħar:

- mitejn euro (€200); u
- ħamsin euro (€50) għal kull ġurnata li matulha n-nuqqas jissussisti, liema penali amministrattiva u penali għal kull ġurnata ma għandhomx jeċċedu fl-aggregat ħamest elef euro (€5,000);

(ii) fil-każ ta' nuqqas ta' konformità sinifikanti ta' konformità, penali amministrattiva sa massimu ta' ħamsin elf euro (€50,000);

(e) fejn Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jonqos milli japplika l-proċeduri ta' diliġenza dovuta speċifikati fit-Taqsima III tal-Anness VI, penali amministrattiva ta' ħamest elef euro (€5,000).

(2) Bla ħsara għal kwalunkwe penali amministrattiva mġarrba skont is-subregolament (1), meta Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta jinstab li jkun issottometta informazzjoni li tkun qarrieqa jew falza, kull uffiċjal anzjan maniġerjali ta' tali Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jeħel penali amministrattiva ta' mhux inqas minn għaxart elef euro (€10,000) u mhux aktar minn tletin elf euro (€30,000):

Iżda uffiċjal anzjan maniġerjali tal-imsemmi Fornitur ta' Servizz ta' Kriptoassi Rapportanti f'Malta ma għandux ikun ħati ta' tali ksur jekk hu jagħti prova li ma kienx jaf u ma setax b'diliġenza raġonevoli jkun jaf dwar tali att jew ommissjoni u li għamel dak kollu fis-setgħa tiegħu sabiex jipprevjeni dak l-att jew ommissjoni.

Rappurtar u komunikazzjoni tan-NIT.

55. (1) In-NIT ta' indivdwi jew entitajiet rapportati maħruġ mill-Istat Membru ta' residenza għandu jiġi rapportat mill-entità rapportanti jew mill-individwu rapportanti meta jkun espliċitament meħtieġ minn, u skont dawn ir-regolamenti u l-Annessi.

(2) Għal perjodi taxxabbli li jibdew fi, jew wara l-1 ta' Jannar 2030, in-NIT ta' residenti maħruġ mill-Istat Membru ta' residenza għandu jiġi rrappurtat, fejn possibbli, fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fir-regolament 13(1)(a), (b) u (d).

(3) Għal perjodi taxxabbli li jibdew fi jew wara l-1 ta' Jannar 2028, in-NIT ta' individwi u entitajiet maħruġ minn Stat Membru ta' residenza għandu jiġi rapportat, fejn possibbli, fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fir-regolament 13(3)(e)(i) u (xi), kif ukoll ta' individwi u entitajiet fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fir-regolament 13(4)(ċ)(ii) u 13(7)(o). L-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinkludi tali informazzjoni fil-komunikazzjoni tagħha ta' informazjoni msemmija fir-regolament 13(4)(ċ)(ii) u fir-regolament 13(7)(o).".

Jemenda l-Anness I li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

14. L-Anness I li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima I tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) Il-paragrafu A tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"A. Kif soġġett għall-paragrafi Ċ sa F, kull Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta għandha tirrapporta lill-awtorità kompetenti ta' Malta fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli ta' tali Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta:

1. l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NITs u d-data u l-post tat-twelid, fil-każ ta' individwu, ta' kull Persuna Rapportabbli li tkun Detentur ta' Kont u jekk id-Detentur ta' Kont ikunx ipprovda awtoċertifikazzjoni valida;

(b) fil-każ ta' Entità li tkun Detentur ta' Kont u li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta konsistenti mat-Taqsimiet V, VI u VII, tiġi identifikata li għandha Persuna Kontrollanti waħda jew aktar li tkun Persuna Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri u, jekk ikun hemm,

kwalunkwe ġurisdizzjonijiet oħra ta' residenza u n-NITs tal-Entità u l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NITs u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Rapportabbli, kif ukoll ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità u jekk tkunx ġiet ipprovduta awtoċertifikazzjoni valida għal kull Persuna Rapportabbli;

(ċ) jekk il-kont ikunx kont konġunt, inkluż in-numru ta' Detenturi tal-Kont konġunt;

2. in-numru tal-kont, jew l-ekwivalenti funzjonali fin-nuqqas ta' numru tal-kont, it-tip ta' kont u jekk il-kont ikunx Kont Preeżistenti jew Kont Ġdid;

3. l-isem u n-numru ta' identifikazzjoni, jekk ikun hemm, tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta;

4. il-bilanċ tal-kont jew il-valur, inkluż, fil-każ ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità, il-Valur fi Flus jew il-valur ta' ċessjoni, fl-aħħar tas-sena kalendarja rilevanti jew perjodu ta' rappurtaġġ xieraq ieħor jew, jekk il-kont ikun ingħalaq matul tali sena jew perjodu, l-għeluq tal-kont;

5. fil-każ ta' kwalunkwe Kont ta' Kustodja:

(a) l-ammont gross totali ta' interessi, l-ammont gross totali ta' dividendi u l-ammont gross totali ta' dħul ieħor iġġenerat fir-rigward tal-assi miżmuma fil-kont, f'kull każ imħallas jew ikkreditat lill-kont, jew fir-rigward tal-kont, matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor; u

(b) ir-rikavat gross totali mill-bejgħ jew l-ammortament ta' Assi Finanzjarji mħallas jew ikkreditat lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta aġixxiet

bħala kustodju, intermedjarju, persuna nominata, jew inkella bħala aġent tad-Detentur tal-Kont;

6. fil-każ ta' kwalunkwe Kont Depożitarju, l-ammont gross totali ta' interessi mħallsa jew ikkreditati lill-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ ieħor xieraq;

7. fil-każ ta' xi Interess ta' Ekwità miżmum f'Entità ta' Investiment li jkun arranġament ġuridiku, ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom il-Persuna Rapportabbli tkun detentur ta' Interess ta' Ekwità; u

8. fil-każ ta' kwalunkwe kont mhux deskritt fis-subparagrafi A(5), (6) jew (7), l-ammont gross totali mħallas jew akkreditat lid-Detentur ta' Kont fir-rigward tal-kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor li fir-rigward tiegħu l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta tkun l-obbligant jew id-debitur, inkluż l-ammont aggregat ta' kwalunkwe pagamenti ta' ammortament magħmula lid-Detentur ta' Kont matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rappurtaġġ adatt ieħor.";

(ii) Il-paragrafu Ċ tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"Ċ. Minkejja s-subparagrafu A(1), fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jkun Kont Preeżistenti, in-NITs jew id-data ta' twelid ma tkunx meħtieġa li tiġi rappurtata jekk tali NITs jew data ta' twelid ma tkunx fir-rekords tal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta u ma tkunx meħtieġa li tinġabar xort'oħra minn tali Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti taħt il-liġi domestika jew kwalunkwe strument legali tal-Unjoni. Madankollu, Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta hija meħtieġa tuża sforzi raġonevoli sabiex tikseb in-NITs u d-data tat-twelid fir-rigward ta' Kontijiet Preeżistenti sa tmiem it-tieni sena kalendarja wara s-sena li fiha l-Kontijiet Preeżistenti kienu identifikati bħala Kontijiet Rapportabbli u kull meta tkun meħtieġa taġġorna l-informazzjoni relatata mal-Kont Preeżistenti skont il-Proċeduri domestiċi tal-AML/KYC.";

(iii) minnufih wara l-paragrafu E tagħha għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"F. Minkejja l-punt (b) tas-subparagrafu A(5), il-punt (b), u sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta ma tagħżilx xort'oħra fir-rigward ta' kwalunkwe grupp ta' kontijiet identifikat b'mod ċar, ir-rikavat gross mill-bejgħ jew mill-ammortament ta' Assi Finanzjarji ma huwiex meħtieġ li jiġi rrappurtat inkwantu dan ir-rikavat gross mill-bejgħ jew mill-ammortament ta' tali Assi Finanzjarji jiġi rrappurtat mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta skont ir-regolament 13(13).";

(b) Il-paragrafu 2(b) tat-Taqsima VI tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(b) Determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont.

Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti ta' Detentur tal-Kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta tista' tibbaża fuq l-informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri AML/KYC, diment li tali proċeduri jkunu konsistenti mal-proċeduri stabbiliti fir-Regolamenti kontra Money Laundering u Finanzjar ta' Terroriżmu u kwalunkwe proċedura vinkolanti u gwida maħruġa bis-saħħa tar-regolament 17 tal-imsemmija regolamenti. Jekk l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta ma tkunx legalment meħtieġa li tapplika Proċeduri AML/KYC li jkunu konsistenti mar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, hija għandha tapplika proċeduri sostanzjalment simili għall-fini tad-determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti.";

L.S. 373.01.

(ċ) minnufih wara l-paragrafu Ċ tat-Taqsima VII tiegħu għandu jiġi miżjud il-paragrafu ġdid li ġej:

"D. Nuqqas temporanju ta' awtoċertifikazzjoni.

F'ċirkostanzi eċċezzjonali fejn l-awtoċertifikazzjoni ma tkunx tista' tinkiseb minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta fir-rigward ta' Kont Ġdid fil-ħin sabiex tissodisfa l-obbligi ta' diliġenza dovuta u ta' rapportar tagħha fir-rigward tal-perjodu ta' rapportar li matulu jkun infetaħ il-kont, l-Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta Rapportanti għandha tapplika l-proċeduri ta' diliġenza dovuta għall-Kontijiet Preeżistenti, sakemm tinkiseb u tiġi vvalidata tali awtoċertifikazzjoni.";

(d) it-Taqsima VIII tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-paragrafu A tagħha għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"A. Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta

1. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta" jfisser kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta li ma hijiex Istituzzjoni Finanzjarja Mhux Rapportanti.

2. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja ta' Malta" jfisser:

(i) kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja li tkun residenti f'Malta, iżda jeskludi kwalunkwe fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li ma tinsabx f'Malta; u

(ii) kwalunkwe fergha ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma tkunx residenti f'Malta, jekk dik il-fergħa tkun tinsab f'Malta.

3. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja ta' Ġurisdizzjoni Parteċipanti" jfisser:

(i) kwalunkwe Istituzzjoni Finanzjarja li hija residenti f'Ġurisdizzjoni Parteċipanti, iżda jeskludi kwalunkwe fergħa ta' dik l-Istituzzjoni Finanzjarja li ma tinsabx barra tali Ġurisdizzjoni Parteċipanti; u

(ii) kwalunkwe fergħa ta' Istituzzjoni Finanzjarja li ma hijiex residenti f'Ġurisdizzjoni Parteċipanti, jekk dik il-fergħa tkun tinsab f'tali Ġurisdizzjoni Parteċipanti.

4. It-terminu "Istituzzjoni Finanzjarja" jfisser Istituzzjoni ta' Kustodja, Istituzzjoni Depożitorja, Entità ta' Investiment, jew Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifika.

5. It-terminu "Istituzzjoni ta' Kustodja" jfisser kwalunkwe Entità li żżomm bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha

Assi Finanzjarji akkont ta' oħrajn. Entità żżomm Assi Finanzjarji akkont ta' oħrajn bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għaż-żamma ta' Assi Finanzjarji u servizzi finanzjarji relatati jkun ugwali jew jeċċedi l-għoxrin fil-mija (20%) tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn:

(i) il-perjodu ta' tliet (3) snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru, jew l-aħħar jum tal-perjodu tal-kontabilità ta' sena mhux kalendarja, qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew

(ii) il-perjodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti.

6. It-terminu "Istituzzjoni Depożitorja" jfisser kwalunkwe Entità li:

(a) taċċetta depożiti fix-xogħol normali ta' negozju bankarju jew negozju simili; jew

(b) iżżomm il-Flus Elettroniċi, jew Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali għall-benefiċċju tal-klijenti.

7. It-terminu "Entità tal-Investiment" ifisser kwalunkwe Entità:

(a) li primarjament twettaq bħala negozju, waħda (1) jew aktar mill-attivitajiet jew l-operati li ġejjin għal klijent jew f'ismu:

(i) negozjar ta' strumenti tas-suq monetarju, inkluż ċekkijiet, kambjali, ċertifikati tad-depożitu, derivattivi; muniti barranin; strumenti tal-kambju, tar-rati tal-imgħax u tal-indiċi; titoli trasferibbli; jew negozju tal-futuri tal-komoditajiet;

(ii) ġestjoni ta' portafoll

individwali u kollettiv; jew

(iii) l-investiment, l-amministrazzjoni, jew il-ġestjoni ta' Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rapportabbli b'xi mod ieħor f'isem persuni oħrajn; jew

(b) l-introjtu gross tagħha jkun attribwibbli primarjament għall-investiment, l-investiment mill-ġdid jew in-negozjar ta' Assi Finanzjarji jew ta' Kriptoassi Rapportabbli, jekk l-Entità tkun ġestita minn Entità oħra li tkun Istituzzjoni Depożitorja, Istituzzjoni ta' Kustodja, Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata, jew Entità tal-Investiment kif deskritt fis-subparagrafu A(6)(a).

Entità titqies li primarjament twettaq bħala negozju ta' waħda (1) jew aktar mill-attivitajiet deskritti fis-subparagrafu A(6)(a), jew l-introjtu gross ta' Entità jiġi primarjament attribwibbli għall-investiment, l-investiment mill-ġdid, jew in-negozjar ta' Assi Finanzjarji jew Kriptoassi Rapportabbli għall-finijiet tas-subparagrafu A(6)(b), jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għall-attivitajiet rilevanti jkun ugwali jew jeċċedi l-ħamsin fil-mija (50%) tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn dawn li ġejjin:

(i) il-perjodu ta' tliet (3) snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel dik li fiha ssir id-determinazzjoni; jew

(ii) il-perjodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti. Għall-finijiet tas-subparagrafu A(6)(a)(iii), it-terminu "l-investiment, l-amministrazzjoni, jew il-ġestjoni ta' Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rapportabbli b'xi mod ieħor f'isem persuni oħrajn" ma jinkludix il-forniment ta' servizzi li jwettqu

Transazzjonijiet ta’ Skambju għall-klijenti jew f’isimhom.

It-terminu "Entità tal-Investiment" ma jinkludix Entità li tkun NFE Attiva għaliex dik l-Entità tissodisfa xi wħud mill-kriterji imsemmija fis-subparagrafu D(8)(d) sa (g).

Dan is-subparagrafu għandu jiġi interpretat b’mod konsistenti ma’ lingwaġġ simili stabbilit fit-tifsira "istituzzjoni finanzjarja" fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE.

8. It-terminu "Assi Finanzjarji" jinkludi titolu, inkluż sehem ta’ stokk f’korporazzjoni; sħubija jew interess fuq sjieda benefiċjarja fi sħubija jew trust b’parteċipazzjoni wiesgħa jew innegozjata pubblikament; kambjala, bond, obbligazzjoni, jew evidenza oħra ta’ pożizzjoni ta’ dejn, interess fi sħubija, komodità, swap, inkluż swaps tar-rati tal-imgħax, swaps ta’ munita, swaps varjabbli, limiti fuq ir-rati tal-imgħax, interest rate floors, swaps ta’ komoditajiet, swaps ta’ ekwità, swaps tal-indiċi ta’ ekwità, u ftehimiet simili, Kuntratt tal-Assigurazzjoni jew Kuntratt ta’ Annwalità, jew xi interess, inkluż kuntratt jew opzjoni tal-futuri jew forward, f’titolu, fi Kriptoassi Rapportabbli, interess ta’ sħubija, f’komodità, fi swap, f’Kuntratt tal-Assigurazzjoni, jew f’Kuntratt ta’ Annwalità. It-terminu "Assi Finanzjarji" ma jinkludix imgħax dirett mingħajr dejn fi proprjetà immobbli.

9. It-terminu "Kumpanija Speċifikata tal-Assigurazzjoni" jfisser kwalunkwe Entità li tkun kumpanija tal-assigurazzjoni, jew il-kumpanija azzjonarja ta' kumpanija tal-assigurazzjoni, li toħroġ, jew li tkun obbligata tagħmel pagamenti fir-rigward ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità.

10. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, it-terminu "Flus Elettroniċi" jfisser kwalunkwe prodott li huwa:

(a) rappreżentazzjoni diġitali ta' Munita ta' Kors Legali waħda;

(b) maħruġ mal-wasla ta' fondi għall-iskop li jsiru transazzjonijiet ta' pagament;

(ċ) irrappreżentat minn pretensjoni fuq l-emittent denominat fl-istess Munita ta' Kors Legali;

(d) aċċettat b' pagament minn persuna fiżika jew ġuridika għajr l-emittent; u

(e) bis-saħħa ta' rekwiżiti regolatorji li għalihom huwa soġġett l-emittent, jista' jinfeda fi kwalunkwe waqt u b'parità għall-istess Munita ta' Kors Legali fuq talba tad-detentur tal-prodott.

It-terminu "Flus Elettroniċi" ma jinkludix prodott maħluq għall-iskop uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi minn klijent lil persuna oħra skont l-istruzzjonijiet tal-klijent. Prodott ma jkunx maħluq għall-iskop uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi jekk, fit-twettiq normali tan-negozju tal-Entità trasferenti, il-fondi marbutin ma' dan il-prodott jinżammu jew għal aktar minn sittin (60) jum wara li jaslulha l-istruzzjonijiet biex jiġi ffaċilitat it-trasferiment jew, jekk ma jingħataw l-ebda struzzjonijiet, il-fondi marbutin ma' tali prodott jinżammu għal

aktar minn sittin (60) jum wara li jaslulha l-fondi.

11. It-terminu "Munita ta' Kors Legali" tfisser il-munita uffiċjali ta' ġurisdizzjoni, maħruġa minn ġurisdizzjoni jew minn Bank Ċentrali jew awtorità monetarja maħtura ta' ġurisdizzjoni, kif irrappreżentata minn karti tal-flus jew muniti fiżiċi jew minn flus f'forom diġitali diversi, inkluż riżervi bankarji u Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali. It-terminu jinkludi wkoll flus bankarji kummerċjali u prodotti tal-flus elettroniċi (Flus Elettroniċi).

12. It-terminu "Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali" jfisser kwalunkwe Munita ta' Kors Legali diġitali maħruġa minn Bank Ċentrali jew minn awtorità monetarja oħra.

13. It-terminu "Kriptoassi" għandu jkollu l-istess tifsira kif mogħti lilu fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq fil-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937.

14. It-terminu "Kriptoassi Rapportabbli" jfisser kwalunkwe Kriptoassi għajr Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali, Flus Elettroniċi, jew kwalunkwe Kriptoassi li għaliha l-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jkun iddetermina b'mod adegwat li ma tistax tintuża għall-finijiet ta' pagamenti jew ta' investiment.

13. It-terminu "Tranżazzjoni ta' Skambju" jfisser kwalunkwe:

(a) skambju bejn il-Kriptoassi Rapportabbli u l-Muniti ta' Kors Legali; u

(b) skambju bejn forma waħda jew aktar ta' Kriptoassi Rapportabbli.";

(ii) il-punt (a) tas-subparagrafu B(1) tagħha għandu jiġi sostitwit bil-punt ġdid li ġej:

"(a) Entità Governattiva, Organizzazzjoni Internazzjonali jew Bank Ċentrali, għajr:

(i) fir-rigward ta' pagament li jkun ġej minn obbligu li jkun hemm b'konnessjoni ma' attività finanzjarja kummerċjali tat-tip li tkun attiva fiha Kumpanija Speċifikata tal-Assigurazzjoni, Istituzzjoni ta' Kustodja, jew Istituzzjoni Depożitorja; jew

(ii) fir-rigward tal-attività taż-żamma tal-Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali għad-Detenturi ta' Kontijiet li ma humiex Istituzzjonijiet Finanzjarji, Entitajiet Governattivi, Organizzazzjonijiet Internazzjonali jew Banek Ċentrali;";

(iii) il-paragrafu Ċ tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

- is-subparagrafu (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"2. It-terminu "Kont Depożitarju" jinkludi kwalunkwe kont kummerċjali, taċ-ċekkijiet, ta' tfaddil, fiss**,** jew thrift, jew kont li huwa evidenzjat minn ċertifikat ta' depożitu, ċertifikat thrift, ċertifikat ta' investiment, ċertifikat ta' dejn, jew strument ieħor simili miżmum minn Istituzzjoni Depożitorja.

Kont Depożitarju jinkludi wkoll:

(a) ammont miżmum minn kumpanija tal-assigurazzjoni skont kuntratt ta' investiment garantit jew ftehim simili sabiex jitħallas jew jiġi kkreditat interess fuqu;

(b) kont jew kont nozzjonali li jirrappreżenta l-Flus Elettroniċi kollha miżmuma għall-benefiċċju ta' klijent; u

(ċ) kont li għandu Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali waħda (1) jew aktar għall-

benefiċċju ta' klijent.";

- is-subparagrafu (9) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"9. It-terminu "Kont Preeżistenti" jfisser:

(a) Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti mill-31 ta' Diċembru 2015 jew, jekk il-kont jiġi ttrattat bħala Kont Finanzjarju biss bis-saħħa tal-emendi magħmula mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/EU dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, mill-31 ta' Diċembru 2025;

(b) kwalunkwe Kont Finanzjarju ta' Detentur tal-Kont, irrispettivament mid-data meta tali Kont Finanzjarju nfetaħ, jekk:

(i) id-Detentur tal-Kont ikollu wkoll Kont Finanzjarju li jkun Kont Preeżistenti taħt is-subparagrafu Ċ(9)(a), mal-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta, jew ma' Entità Relatata f'Malta;

(ii) l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta, u kif applikabbli, l-Entità Relatata f'Malta, tittratta ż-żewġ Kontijiet Finanzjarji msemmijin hawn fuq, u kwalunkwe Kont Finanzjarju ieħor tad-Detentur tal-Kont li jkun ittrattat bħala Kont Preeżistenti skont is-subparagrafu Ċ(9)(b), bħala Kont Finanzjarju uniku bil-għan li jissodisfa r-rekwiżiti tal-istandards tal-għarfien stipulati fit-Taqsima VII, fil-paragrafu A, u bil-għan li jiġi ddeterminat il-bilanċ jew il-valur ta' kwalunkwe wieħed mill-Kontijiet Finanzjarji meta jiġi applikat kwalunkwe wieħed mil-limiti tal-kontijiet;

(iii) fir-rigward ta' Kont Finanzjarju li jkun soġġett għall-Proċeduri tal-AML/KYC, l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta tkun permessa tissodisfa tali Proċeduri tal-AML/KYC għall-Kont Finanzjarju billi toqgħod fuq il-Proċeduri tal-AML/KYC imwettqa għall-Kont Preeżistenti deskritt fis-subparagrafu Ċ(9)(a); u

(iv) il-ftuħ tal-Kont Finanzjarju ma jeħtieġx l-għoti ta' informazzjoni dwar il-klijent li tkun ġdida, addizzjonali jew emendata, mid-Detentur tal-Kont ħlief għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.";

- is-subparagrafu (10) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"10. It-terminu "Kont Ġdid" ifisser Kont Finanzjarju miżmum minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti ta' Malta li jkun infetaħ fl-1 ta' Jannar 2016 jew wara jew, jekk il-kont jiġi ttrattat bħala Kont Finanzjarju biss bis-saħħa tal-emendi għad-Direttiva (UE) 2023/2226 tas-17 ta' Ottubru 2023 li temenda d-Direttiva 2011/16/UE dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-tassazzjoni, fl-1 ta' Jannar 2026 jew wara.";

- is-subparagrafu (17) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

17. It-terminu "Kont Esklużż" ifisser kwalunkwe wieħed mill-kontijiet li ġejjin:

(a) kont ta' rtirar jew pensjoni li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala kont ta' rtirar personali jew huwa parti minn pjan ta' rtirar jew pensjoni reġistrata jew regolata, għall-provvista ta' benefiċċji għall-rtirar jew għall-pensjoni, inklużi benefiċċji ta' diżabilità jew mewt;

(ii) il-kont jibbenifika minn benefiċċji tat-taxxa, jiġifieri, kontribuzzjonijiet depożitati fil-kont, li kienu jkunu xort'oħra soġġetti għat-taxxa, jiġu mnaqqsa jew eskluži mill-introjtu gross tad-Detentur tal-Kont jew intaxxati b'rata mnaqqsa, jew l-intaxxar tal-introjtu minn investiment mill-kont jiġi differit jew intaxxat b'rata mnaqqsa;

(iii) ir-rappurtar tal-informazzjoni lil awtoritajiet tat-taxxa fir-rigward tal-kont huwa meħtieġ;

(iv) il-ġbid tal-flus huwa soġġett għall-kondizzjoni li tintlaħaq età ta' rtirar speċifikata, id-diżabilità, jew mewt, jew bl-applikazzjoni ta' penali f'każ li l-flus jinġibdu qabel l-okkorrenza ta' tali avvenimenti speċifikati; u

(v) jew:

- il-kontribuzzjonijiet annwali huma limitati għal ammont denominat f'euro li jikkorrispondi għal USD $50,000 jew inqas; jew

- jeżisti limitu massimu ta' kontribuzzjoni tul il-ħajja għall-kont ta' ammont denominat f'euro li jikkorrispondi għal USD $1,000,000 jew inqas, bl-applikazzjoni f'kull każ, tar-regoli stabbiliti fil-paragrafu Ċ tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kontijiet u l-konverżjoni tal-munita.

Kont Finanzjarju li xort'oħra jissodisfa r-rekwiżit tas-subparagrafu Ċ(17)(a)(v) ma għandux jonqos milli jissodisfa tali rekwiżit unikament minħabba l-fatt li tali Kont Finanzjarju jista' jirċievi assi jew fondi trasferiti minn Kont Finanzjarju wieħed (1) jew aktar li jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-subparagrafu Ċ(17)(a) jew (b), jew minn

fond wieħed (1) jew aktar tal-irtirar jew tal-pensjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe wieħed (1) mis-subparagrafi B(5) sa (7);

(b) kont li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala strument ta' investiment għal finijiet oħra għajr għall-irtirar u jiġi nnegozjat b'mod regolari f'suq tat-titoli stabbilit, jew il-kont huwa soġġett għal regolamentazzjoni bħala strument ta' tfaddil għal finijiet oħra għajr għall-irtirar;

(ii) il-kont jibbenifika minn benefiċċji tat-taxxa, jiġifieri, kontribuzzjonijiet għall-kont li kienu jkunu xort'oħra soġġetti għat-taxxa, jiġu mnaqqsa jew eskluži mill-introjtu gross tad-Detentur tal-Kont jew intaxxati b'rata mnaqqsa, jew l-intaxxar tal-introjtu minn investiment mill-kont ikun differit jew intaxxat b'rata mnaqqsa;

(iii) il-ġbid tal-flus huwa soġġett għall-kondizzjoni li jissodisfa kriterji speċifiċi dwar il-fini tal-kont ta' investiment jew ta' tfaddil, l-għoti ta' benefiċċji edukattivi jew mediċi, jew il-penali japplikaw għall-ġbid tal-flus li jsir qabel ma jiġu ssodisfatti dawn il-kriterji ; u

(iv) il-kontribuzzjonijiet annwali huma limitati għal ammont denominat f'euro li jikkorrispondi għal USD $50,000 jew inqas, billi japplikaw ir-regoli stabbiliti fil-paragrafu Ċ tat-Taqsima VII għall-aggregazzjoni tal-kontijiet u l-qlib tal-munita.

Kont Finanzjarju li xort'oħra jissodisfa r-rekwiżit tas-subparagrafu Ċ(17)(b)(iv) ma għandux jonqos milli jissodisfa tali rekwiżit unikament minħabba li tali Kont Finanzjarju jista' jirċievi assi jew fondi trasferiti minn Kont Finanzjarju wieħed (1) jew aktar li jissodisfa r-rekwiżiti tas-subparagrafu Ċ(17)(a) jew (b) jew minn wieħed (1) jew

aktar mill-fondi tal-irtirar jew tal-pensjoni li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe wieħed mis-subparagrafi B(5) sa (7);

(ċ) kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja b'perjodu ta' kopertura li jintemm qabel ma l-individwu assigurat jilħaq l-età ta' disgħin (90) sena, sakemm il-kuntratt jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) premiums perjodiċi, li ma jonqsux matul iż-żmien, ikunu pagabbli mill-inqas kull sena matul il-perjodu li l-kuntratt ikun fis-seħħ jew sakemm l-assigurat jilħaq l-età ta' disgħin (90) sena, skont liema perjodu jkun l-iqsar;

(ii) il-kuntratt ma għandu l-ebda valur tal-kuntratt li kwalunkwe persuna jista' jkollha aċċess għalih, permezz ta' ġbid ta' flus, self jew xort'oħra, mingħajr ma jiġi tterminat il-kuntratt;

(iii) l-ammont, għajr benefiċċju tal-mewt, pagabbli mal-kanċellazzjoni jew terminazzjoni tal-kuntratt ma jistax jeċċedi l-aggregat ta' premiums imħallsa għall-kuntratt, mingħajr is-somma ta' mortalità, morbożità, u ħlasijiet għal spejjeż, jekk attwalment imposti jew xort'oħra, għall-perjodi tal-eżistenza tal-kuntratt u kwalunkwe ammonti mħallsa qabel il-kanċellazzjoni jew it-terminazzjoni tal-kuntratt; u

(iv) il-kuntratt ma jinżammx minn ċessjonarju għall-valur;

(d) kont li jinżamm unikament minn patrimonju jekk id-dokumentazzjoni għal tali kont tinkludi kopja tat-testment jew iċ-ċertifikat tal-mewt tal-persuna mejta;

(e) kont stabbilit b'konnessjoni ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin:

(i) ordni jew sentenza tal-qorti;

(ii) bejgħ, skambju, jew kiri ta' proprjetà mmobbli jew personali, diment li l-kont jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- il-kont huwa ffinanzjat unikament bi ħlas parzjali, kapparra, depożitu f'ammont xieraq sabiex jiġi żgurat obbligu direttament marbut mat-tranżazzjoni, jew ħlas simili, jew huwa ffinanzjat b'Assi Finanzjarji li huma ddepożitati fil-kont b'konnessjoni mal-bejgħ, l-iskambju, jew il-kiri tal-proprjetà;

- il-kont huwa stabbilit u użat unikament sabiex jiġi żgurat l-obbligu tax-xerrej li jħallas il-prezz għax-xiri tal-proprjetà, li l-bejjiegħ iħallas kwalunkwe obbligazzjoni kontinġenti, jew li sid il-kera jew il-kerrej iħallas għal kwalunkwe danni li jirrigwardaw il-proprjetà mikrija kif miftiehem skont il-kuntratt tal-kera;

- l-assi tal-kont, inkluż l-introjtu rikavat fuqhom, għandhom jitħallsu jew xort'oħra jitqassmu għall-benefiċċju tax-xerrej, il-bejjiegħ, sid il-kera, jew il-kerrej, inkluż sabiex jiġi ssodisfat l-obbligu ta' tali persuna, meta tinbiegħ, tiġi skambjata jew ċeduta l-proprjetà, jew tintemm il-kirja;

- il-kont ma huwiex marġni jew kont simili stabbilit b'rabta ma' bejgħ jew skambju ta' Assi Finanzjarji; u

- il-kont ma huwiex assoċjat ma' kont deskritt fis-subparagrafu Ċ(17)(f);

(iii) obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja li tagħti servizz ta' self garantit minn proprjetà immobbli sabiex jitwarrab fil-ġenb porzjon ta' pagament unikament sabiex jiġi ffaċilitat il-ħlas ta' taxxa jew assigurazzjoni relatata ma' proprjetà immobbli aktar tard;

(iv) obbligu ta' Istituzzjoni Finanzjarja unikament sabiex jiġi ffaċilitat il-ħlas ta' taxxi aktar tard;

(v) fondazzjoni jew żieda kapitali ta' kumpanija diment li l-kont jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

- il-kont jintuża esklussivament għad-depożitu ta' kapital li għandu jintuża għall-finijiet tal-fondazzjoni jew taż-żieda fil-kapital ta' kumpanija, kif preskritt bil-liġi;

- kwalunkwe ammonti miżmuma fil-kont għandhom jiġu mblukkati sakemm l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti tikseb konferma indipendenti rigward il-fondazzjoni jew iż-żieda kapitali;

- il-kont jingħalaq jew jiġi ttrasformat f'kont f'isem il-kumpanija wara l-fondazzjoni jew iż-żieda fil-kapital;

- kwalunkwe ħlasijiet lura li jirriżultaw minn fondazzjoni jew minn żieda fil-kapital li ma rnexxitx, netti mill-fornitur tas-servizz u tariffi simili, isiru biss lill-persuni li kkontribwew l-ammonti; u

- il-kont ma jkunx ilu li ġie stabbilit iktar minn tnax (12)-il xahar;

(e) Kont Depożitarju li jirrappreżenta l-Flus Elettroniċi kollha miżmuma għall-benefiċċju ta' klijent, jekk il-medja rikorrenti ta' disgħin (90) jum tal-bilanċ jew tal-valur aggregat tal-kont fi tmiem il-jum matul kwalunkwe perjodu ta' disgħin (90) jum konsekuttiv ma qabiżx USD $10,000 fi kwalunkwe jum matul is-sena kalendarja jew perjodu ta' rapportar xieraq ieħor;

(f) Kont Depożitarju li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(i) il-kont jeżisti biss minħabba li klijent jagħmel pagament żejjed minn bilanċ dovut fir-rigward ta' karta ta' kreditu jew faċilità oħra ta' overdraft u l-pagament żejjed ma jiġix irritornat lura minnufih għand il-klijent; u

(ii) fl-1 ta' Jannar 2016 jew qabel, l-Istituzzjoni Finanzjarja implimentat politiki u proċeduri jew sabiex timpedixxi lil klijent milli jagħmel pagament żejjed ogħla minn ammont denominat fl-euro li jikkorrispondi għal USD $50,000, jew sabiex tiżgura li kwalunkwe pagament żejjed ta' klijent, ogħla minn dak l-ammont jiġi rimborżat lill-klijent fi żmien sittin (60) jum, f'kull każ jiġu applikati r-regoli stabbiliti fil-paragrafu Ċ tat-Taqsima VII u għall-qlib tal-munita. Għal din il-fini, pagament żejjed ta' klijent ma jirreferix għal bilanċi tal-kreditu sal-punt ta' imposti kkontestati iżda jinkludi bilanċi tal-kreditu li jirriżultaw mir-ritorn ta' merkanzija;

(g) Kont Depożitarju li jirrappreżenta l-Flus Elettroniċi kollha miżmumin għall-benefiċċju ta' klijent, jekk il-medja rikorrenti ta' disgħin (90) jum bilanċ tal-kont jew valur matul kwalunkwe perjodu ta' disgħin (90) jum konsekuttivi sal-aħħar jum tal-bilanċ totali tal-kont ma qabiżx USD $10,000 fi kwalunkwe jum matul is-sena kalendarja jew perjodu ieħor xieraq ta' rappurtar;

(h) kwalunkwe kont ieħor li jippreżenta riskju baxx sabiex jintuża għall-evażjoni tat-taxxa, ikollu karatteristiċi sostanzjalment simili għal kwalunkwe wieħed mill-kontijiet deskritti fis-subparagrafi Ċ(17)(a) sa (f), u huwa inkluż fil-lista ta' Kontijiet Esklużi msemmija fl-Artikolu 8(7a) tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva, sakemm l-istatus ta' tali kont bħala Kont Esklużma jxekkilx il-finijiet tal-

imsemmija Direttiva.";

(iv) is-subparagrafu D(2) tagħha għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"2. It-terminu "Persuna Rapportabbli" jfisser Persuna ta' Stat Membru għajr:

(a) Entità li l-istokk tagħha jiġi nnegozjat regolarment f'suq tat-titoli stabbilit wieħed (1) jew aktar;

(b) kwalunkwe Entità li tkun Entità Relatata ma' Entità deskritta fil-punt (a);

(ċ) Entità Governattiva;

(d) Organizzazzjoni Internazzjonali;

(e) Bank Ċentrali; jew

(f) Istituzzjoni Finanzjarja.";

(v) il-paragrafu E tagħha għandu jiġi emendat kif ġej:

- fis-subparagrafu (5) tiegħu l-kliem "It-terminu "TIN"" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "It-terminu "NIT"";

- minnufih wara s-subparagrafu (6) tiegħu għandu jiġi miżjud is-subparagrafu ġdid li ġej:

"7. It-terminu "Servizz ta' Identifikazzjoni" jfisser proċess elettroniku magħmul disponibbli mingħajr ħlas minn Stat Membru jew l-Unjoni lil Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta għall-fini li tiġi aċċertata l-identità u residenza għat-taxxa ta' Detentur ta' Kont jew Persuna Kontrollanti.";

(e) il-partita (2) tat-Taqsima IX tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-partita ġdida li ġejja:

"(2) regoli li jeħtieġu li l-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta żżomm rekords tal-passi li ttieħdu u kwalunkwe prova invokata għat-twettiq tal-proċeduri hawn fuq indikati u miżuri adegwati biex jinkisbu dawk ir-rekords kemm-il darba tali rekords jinżammu għal perjodu

mhux itwal minn dak neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti iżda, fi kwalunkwe każ, mhux inqas minn ħames (5) snin.";

(f) minnufih wara t-Taqsima IX tiegħu għandha tiġi miżjuda t-Taqsima ġdida li ġejja:

"TAQSIMA X
MIŻURI TRANŻIZZJONALI

Minkejja s-subparagrafi A(1)(b) A(6a) tat-Taqsima I, fir-rigward ta' kull Kont Rapportabbli li jinżamm minn Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f'Malta mill-31 ta' Diċembru 2025 u għal perjodi rapportanti li jagħlqu sat-tieni sena kalendarja wara tali data, l-informazzjoni fir-rigward tar-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti jew Detentur ta' Interess ta' Ekwità tal-Entità tkun meħtieġa li tirrapporta biss jekk tali informazzjoni tkun disponibbli fid-data li tkun tista' tiġi mfittxa elettronikament, miżmuma mill-Istituzzjoni Finanzjarja Rapportanti f' Malta.".

Jemenda l-Anness V li jinsab mar-regolamenti prinċipali.

15. L-Anness V tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-Taqsima I tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) is-subparagrafu A(8) tagħha għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"8. "Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv" tfisser ftehim bejn l-awtorità kompetenti f'Malta u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jeħtieġ l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni ekwivalenti għal dak speċifikat fil-paragrafu B tat-Taqsima III kif ikkonfermat minn att ta' implimentazzjoni tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva u li fir-rigward tagħha tali ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni hi identifikata fil-lista ppubblikata mill-Kummissarju fuq is-sit elettroniku tal-Kummissarju tat-Taxxa u Dwana skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 96(2) tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.";

Kap. 123.

(ii) minnufih wara l-paragrafu Ċ(9) tagħha għandu jiġi miżjud is-subparagrafu ġdid li ġej:

"10. "Servizz ta' Identifikazzjoni" tfisser proċess elettroniku li jsir disponibbli mingħajr ħlas minn Stat

Membru jew l-Unjoni lil Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti ta' Malta għall-fini li tiġi aċċertata l-identità u r-residenza tat-taxxa ta' Bejjiegħ.";

(b) is-subparagrafu B(3) tat-Taqsima II tiegħu għandu jiġi mħassar;

(ċ) it-Taqsima III tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) is-subparagrafu A(4) tagħha għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subparagrafu A(3), Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu B fir-rigward ta' Attivitajiet Rilevanti Kwalifikati, koperti minn Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv, li diġà jipprovdu għall-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni ekwivalenti ma' Malta dwar Bejjiegħa Rapportabbli residenti f'Malta.";

(ii) minnufih wara l-paragrafu B(4) tagħha għandu jiġi miżjud is-subparagrafu ġdid li ġej:

"5. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi B(2)(a) u B(3)(a), l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta ma għandux ikun meħtieġ jirrapporta l-elementi ta' informazzjoni li jeħtieġ jingħabru skont il-paragrafu B tat-Taqsima II, meta jirrapporta lil awtorità kompetenti li tuża Servizz ta' Identifikazzjoni u jiddependi fuq konferma diretta tal-identità u tar-residenza tal-Bejjiegħ permezz ta' Servizz ta' Identifikazzjoni magħmul disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni sabiex jiġu aċċertati l-identità u r-residenzi kollha tat-taxxa tal-Bejjiegħ. F'każ li l-Operatur ta' Pjattaforma Rapportanti f'Malta jkun qagħad fuq Servizz ta' Identifikazzjoni sabiex jaċċerta l-identità u r-residenzi tat-taxxa kollha ta' Bejjiegħ Rapportabbli, għandhom jiġu rrapportati l-isem, l-identifikaturi tas-Servizz ta' Identifikazzjoni u l-Istati Membri tal-ħruġ.".

Iżid Anness ġdid mar-regolamenti prinċipali.

16. Minnufih wara l-Anness V li jinsab mar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud l-Anness ġdid li ġej:

"ANNESS VI

REKWIŻITI TA' RAPPORTAR, PROĊEDURI TA' DILIĠENZA DOVUTA U REGOLI OĦRAJN APPLIKABBLI GĦALL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAL-KRIPTOASSI RAPPORTANTI

Dan l-Anness jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar, il-proċeduri ta' diliġenza dovuta u regoli oħrajn li għandhom jiġu applikati mill-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta sabiex Malta, permezz ta' skambju awtomatiku, tkun tista' tikkomunika l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8ad tad-Direttiva tal-UE dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva. Dan l-Anness jistabbilixxi wkoll ir-regoli u l-proċeduri amministrattivi li Malta għandha fis-seħħ sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva u l-konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar u tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stipulati fih.

TAQSIMA I
OBBLIGI TAL-FORNITURI TA' SERVIZZI TAL-KRIPTOASSI RAPPORTANTI

A. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti mfissra fis-subparagrafu B(3) tat-Taqsima IV, huwa soġġett għar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta, jekk:

1. ikun Entità awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2023/1114 jew jitħalla jipprovdi Servizzi tal-Kriptoassi wara notifika lil Stat Membru skont l-Artikolu 60 tal-imsemmi Regolament; jew

2. ma jkunx Entità awtorizzata mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta bħala l-awtorità kompetenti skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (UE) 2023/1114 jew jitħalla jipprovdi Servizzi tal-Kriptoassi wara notifika lill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta skont l-Artikolu 60 tal-imsemmi Regolament u jkun:

(a) Entità jew resident individwali għall-finijiet ta' taxxa f'Malta;

(b) Entità li:

(i) tkun inkorporata jew organizzata skont il-liġijiet ta' Malta; u

(ii) ikollha personalità ġuridika f'Malta jew ikollha obbligu li tippreżenta dikjarazzjonijiet tat-taxxa jew dikjarazzjonijiet ta' informazzjoni dwar it-

taxxa f'Malta fir-rigward tal-introjtu tal-Entità;

(ċ) Entità ġestita minn Malta; jew

(d) Entità jew individwu li għandu post regolari tan-negozju f'Malta.

B. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta fir-rigward ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli mwettqa permezz ta' Fergħa bbażata f'Malta.

Ċ. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta li jkun Entità ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta jekk jaqa' fl-ambitu tas-subparagrafu A(2)(b), (ċ) jew (d), jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti minn tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti ta' Malta fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni oħra bis-saħħa tal-fatt li jkun residenti f'tali Stat Membru jew Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni għall-finijiet ta' taxxa.

D. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta li jkun Entità ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta jekk jaqa' fl-ambitu tas-subparagrafu A(2)(ċ) jew (d), jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti minn tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jew fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni oħra bis-saħħa li jkun Entità li:

(a) tkun inkorporata jew organizzata skont il-liġijiet ta' tali Stat Membru jew Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni; u

(b) ikollha personalità ġuridika fl-Istat Membru l-ieħor jew il-Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni l-oħra jew ikollha obbligu li tippreżenta d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa jew dikjarazzjonijiet tal-informazzjoni dwar it-taxxa lill-awtoritajiet tat-taxxa fl-Istat Membru l-ieħor jew il-Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni l-oħra fir-rigward tal-introjtu tal-Entità.

E. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta li jkun Entità ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament,

f'Malta jekk jaqa' fl-ambitu tas-subparagrafu A(2)(d), jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti minn tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni oħra bis-saħħa tal-fatt li jkun ġestit minn tali Stat Membru jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni.

F. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti li jkun individwu ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta jekk jaqa' fl-ambitu tas-subparagrafu A(2)(d), jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti minn tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni oħra bis-saħħa tal-fatt li jkun residenti f'tali Stat Membru jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni għall-finijiet ta' taxxa.

G. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta jekk jaqa' fl-ambitu tas-subparagrafu A(2) (a), (b), (ċ) jew (d), jekk ikun ippreżenta notifika mal-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana f'tali format kif il-Kummissarju jista' jiddetermina, li jikkonferma li dawk ir-rekwiżiti huma sodisfatti minn tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti skont ir-regoli ta' kwalunkwe Stat Membru ieħor jew Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni skont kriterji li huma sostanzjalment simili għas-subparagrafu A(2)(a), (b), (ċ) jew (d), rispettivament.

H. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti ma huwiex meħtieġ jissodisfa r-rekwiżiti ta' rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, f'Malta fir-rigward ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli li jwettaq permezz ta' Fergħa fi kwalunkwe Stat Membru ieħor jew Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni oħra, jekk dawk ir-rekwiżiti jkunu sodisfatti minn dik il-Fergħa f'dak l-Istat Membru l-ieħor jew f'Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni.

TAQSIMA II
REKWIŻITI TA' RAPPORTAR

A. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tat-Taqsima I, il-paragrafi A u B, għandu jirrapporta l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu B ta' din it-Taqsima lill-awtorità kompetenti ta' Malta, fejn ikun soġġett għar-rekwiżiti ta' rapportar skont it-Taqsima I.

B. Għal kull sena kalendarja rilevanti jew għal perjodu ta' rapportar xieraq ieħor, u kif soġġett għall-obbligi ta' Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta stabbiliti fit-Taqsima I u l-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsima III, Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għandu jirrapporta l-informazzjoni li ġejja dwar l-Utenti tal-Kriptoassi tiegħu li huma Utenti Rapportabbli jew li għandhom Persuni Kontrollanti li huma Persuni Rapportabbli:

1. l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NITs u, fil-każ ta' individwu, id-data u l-post tat-twelid ta' kull Utent Rapportabbli u, fil-każ ta' kwalunkwe Entità li, wara l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsima III, jiġi identifikat li jkollha Persuna Kontrollanti waħda (1) jew aktar li tkun Persuna Rapportabbli, l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza u n-NITs tal-Entità, u l-isem, l-indirizz, l-Istati Membri ta' residenza, in-NITs u d-data u l-post tat-twelid ta' kull Persuna Rapportabbli tal-Entità li tkun Persuna Rapportabbli, kif ukoll ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull tali Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità;

Minkejja s-subparagrafu B(1), l-ewwel subparagrafu, fejn il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jirrapporta lil awtorità kompetenti li tuża Servizz ta' Identifikazzjoni u li jiddependi fuq konferma diretta tal-identità u tar-residenza tal-Persuna Rapportabbli permezz ta' Servizz ta' Identifikazzjoni magħmul disponibbli minn Stat Membru jew mill-Unjoni sabiex jiġu aċċertati l-identità u r-residenzi tat-taxxa kollha tal-Persuna Rapportabbli, l-informazzjoni li għandha tiġi rrapportata dwar il-Persuna Rapportabbli hija l-isem, l-identifikaturi tas-Servizz ta' Identifikazzjoni u l-Istati Membri tal-ħruġ, kif ukoll ir-rwoli li permezz tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità;

2. l-isem, l-indirizz, in-NIT u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni individwali msemmi fir-regolament 13(13)(e) u l-identifikatur globali tal-entità ġuridika, tal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti;

3. għal kull tip ta' Kriptoassi Rapportabbli li fir-rigward tiegħu Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jkun wettaq Tranżazzjonijiet Rapportabbli matul is-sena kalendarja rilevanti jew f'xi

perjodu ta' rapportar xieraq ieħor, fejn rilevanti:

(a) l-isem sħiħ tat-tip ta' Kriptoassi Rapportabbli;

(b) l-ammont gross aggregat imħallas, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward tal-akkwiżizzjonijiet kontra l-Munita ta' Kors Legali;

(ċ) l-ammont gross aggregat riċevut, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward tad-disponimenti kontra l-Munita ta' Kors Legali;

(d) il-valur tas-suq ġust aggregat, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward ta' akkwiżizzjonijiet kontra Kriptoassi Rapportabbli oħrajn;

(e) il-valur tas-suq ġust aggregat, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli fir-rigward ta' disponimenti kontra Kriptoassi Rapportabbli oħrajn;

(f) il-valur tas-suq ġust aggregat, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet ta' Pagamenti bl-Imnut Rapportabbli;

(g) il-valur tas-suq ġust aggregat, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli, u suddiviżi skont it-tip ta' trasferiment fejn dan ikun magħruf mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta, fir-rigward ta' Trasferimenti lill-Utent Rapportabbli mhux koperti mill-punti (b) u (d);

(h) il-valur tas-suq ġust aggregat, in-numru aggregat ta' unitajiet u n-numru ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli, u suddiviżi skont it-tip ta' trasferiment fejn dan ikun magħruf mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta, fir-rigward ta' Trasferimenti mill-Utent Rapportabbli li ma jkunux koperti mill-punti (ċ),

(e) u (f); u

(i) il-valur tas-suq ġust aggregat, kif ukoll in-numru aggregat ta' unitajiet ta' Trasferimenti mwettqa mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għall-indirizzi tal-kotba distribwiti msemmija fir-Regolament (UE) 2023/1114 mhux magħrufa li jkunu assoċjati ma' fornitur ta' servizzi ta' assi virtwali jew ma' istituzzjoni finanzjarja.

Għall-finijiet tas-subparagrafu B(3), il-punti (b) u (ċ), l-ammont imħallas jew riċevut għandu jiġi rrapportat fil-Munita ta' Kors Legali li fiha jkun tħallas jew ġie riċevut. F'każ li l-ammonti jkunu tħallsu jew ġew riċevuti f'diversi Muniti ta' Kors Legali, l-ammonti għandhom jiġu rrapportati f'munita waħda, ikkonvertiti fiż-żmien ta' kull Tranżazzjoni Rapportabbli b'mod li jiġi applikat b'mod konsistenti mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta.

Għall-finijiet tas-subparagrafu B(3), il-punti (d) sa (i), il-valur ġust tas-suq għandu jiġi ddeterminat u rrapportat f'munita waħda, ivvalutat fiż-żmien ta' kull Tranżazzjoni Rapportabbli b'mod li jiġi applikat b'mod konsistenti mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta.

L-informazzjoni rrapportata għandha tidentifika l-Munita ta' Kors Legali li fiha jkun irrapportat kull ammont.

Ċ. Minkejja s-subparagrafu B(1), il-post tat-twelid mhuwiex meħtieġ li jiġi rrapportat sakemm il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta ma jkunx meħtieġ jiksbu u jirrapportah b'mod ieħor skont id-dritt domestiku.

D. L-informazzjoni elenkata fil-paragrafu B għandha tiġi rrapportata annwalment fis-sena kalendarja ta' wara s-sena li magħha tkun relatata l-informazzjoni. L-ewwel informazzjoni għandha tiġi rrapportata għas-sena kalendarja rilevanti jew għal perjodu ta' rapportar xieraq ieħor mill-1 ta' Jannar 2026.

E. Minkejja l-paragrafi A u D ta' din it-Taqsima, Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta skont it-tifsira tat-Taqsima I, is-subparagrafu A(2), il-punt (a), (b), (ċ) jew (d), ma għandux ikun meħtieġ jipprovdi l-informazzjoni elenkata fil-

paragrafu B ta' din it-Taqsima fir-rigward ta' Utent Rapportabbli jew Persuna Kontrollanti li għalih il-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jlesti r-rapportar ta' tali informazzjoni f'ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li tkun koperta minn Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv mal-Istat Membru ta' residenza ta' tali Utent Rapportabbli jew tali Persuna Kontrollanti.

TAQSIMA III
PROĊEDURI TA' DILIĠENZA DOVUTA

Utent tal-Kriptoassi jiġi ttrattat bħala Utent Rapportabbli mid-data li jiġi identifikat bħala tali skont il-proċeduri ta' diliġenza dovuta deskritti f'din it-Taqsima.

A. Proċeduri ta' diliġenza dovuta għall-Utenti tal-Kriptoassi Individwali

Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-fini li jiġi determinat jekk l-Utent tal-Kriptoassi Individwali huwiex Utent Rapportabbli.

1. Meta tiġi stabbilita r-relazzjoni mal-Utent tal-Kriptoassi Individwali, jew fir-rigward tal-Utenti tal-Kriptoassi Individwali Preeżistenti sal-1 ta' Jannar 2027, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jikseb awtoċertifikazzjoni li tippermetti lill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jiddetermina r-residenza tal-Utent tal-Kriptoassi Individwali għall-finijiet ta' taxxa u jikkonferma li tali awtoċertifikazzjoni hija raġonevoli abbażi tal-informazzjoni miksuba mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta, inkluż kwalunkwe dokumentazzjoni li tkun inġabret skont il-Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijent.

2. Jekk fi kwalunkwe punt ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' Utent tal-Kriptoassi Individwali li tikkawża lill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jkun jaf, jew ikollu raġuni li jkun jaf, li l-awtoċertifikazzjoni oriġinali ma tkunx korretta jew ma tkunx affidabbli, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta ma jistax jibbaża fuq l-awtoċertifikazzjoni oriġinali u għandu jikseb awtoċertifikazzjoni valida, jew spjegazzjoni raġonevoli u, fejn xieraq, id-dokumentazzjoni li tappoġġa l-validità tal-awtoċertifikazzjoni oriġinali.

B. Proċeduri ta' diliġenza dovuta għall-Entitajiet Utenti tal-Kriptoassi

Il-proċeduri li ġejjin japplikaw għall-fini li jiġi determinat jekkl-

Entità Utent tal-Kriptoassi hijiex Utent Rapportabbli jew Entità, għajr Persuna Eskluża jew Entità Attiva, b'Persuna Kontrollanti waħda (1) jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli.

1. Determinazzjoni jekk l-Entità Utent tal-Kriptoassi hijiex Persuna Rapportabbli.

(a) Meta tiġi stabbilita r-relazzjoni mal-Entità Utent tal-Kriptoassi, jew fir-rigward tal-Entitajiet Utenti tal-Kriptoassi Preeżistenti sal-1 ta' Jannar 2027, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jikseb awtoċertifikazzjoni li tippermetti lill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jiddetermina r-residenza tal-Entità Utent tal-Kriptoassi għall-finijiet ta' taxxa u jikkonferma li tali awtoċertifikazzjoni hija raġonevoli abbażi tal-informazzjoni miksuba mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta, inkluż kwalunkwe dokumentazzjoni li tkun inġabret skont il-Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti. Jekk l-Entità Utent tal-Kriptoassi tiċċertifika li ma għandhiex residenza għall-finijiet tat-taxxa, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jista' jibbaża ruħu fuq il-post tal-ġestjoni effettiva jew fuq l-indirizz tal-uffiċċju prinċipali sabiex tiġi determinata r-residenza tal-Entità Utent tal-Kriptoassi.

(b) Jekk l-awtoċertifikazzjoni tindika li l-Entità Utent tal-Kriptoassi tkun residenti fi Stat Membru, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jittratta lill-Entità Utent tal-Kriptoassi bħala Utent Rapportabbli, sakemm ma jiddeterminax b'mod raġonevoli abbażi tal-awtoċertifikazzjoni jew tal-informazzjoni fil-pussess tiegħu jew li tkun disponibbli għall-pubbliku, li l-Entità Utent tal-Kriptoassi tkun Persuna Eskluża.

2. Determinazzjoni dwar jekk l-Entità għandhiex Persuna Kontrollanti waħda (1) jew aktar li huma Persuni Rapportabbli. Fir-rigward ta' Entità Utent tal-Kriptoassi, għajr Persuna Eskluża, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għandu jiddetermina jekk għandhiex Persuna Kontrollanti waħda (1) jew aktar li jkunu Persuni Rapportabbli, sakemm ma jiddeterminax li l-Entità Utent tal-Kriptoassi tkun Entità Attiva, abbażi ta' awtoċertifikazzjoni mill-Entità Utent tal-Kriptoassi.

(a) Determinazzjoni tal-Persuni Kontrollanti tal-Entità Utent tal-Kriptoassi. Għall-fini li jiġu determinati l-Persuni Kontrollanti tal-Entità Utent tal-Kriptoassi, Fornitur ta' Servizzi

tal-Kriptoassi Rapportanti jista' jibbaża ruħu fuq l-informazzjoni miġbura u miżmuma skont il-Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti, diment li tali proċeduri jkunu konsistenti mad-Direttiva (UE) 2015/849. Jekk il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta ma jkunx legalment meħtieġ li japplika Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti li jkunu konsistenti mad-Direttiva (UE) 2015/849, huwa għandu japplika proċeduri sostanzjalment simili għall-fini li jiġu determinati l-Persuni Kontrollanti.

(b) Determinazzjoni dwar jekk Persuna Kontrollanti ta' Entità Utent tal-Kriptoassi hijiex Persuna Rapportabbli. Għall-fini li jiġi determinat jekk Persuna Kontrollanti hijiex Persuna Rapportabbli, Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jibbaża ruħu fuq awtoċertifikazzjoni mill-Entità Utent tal-Kriptoassi jew minn tali Persuna Kontrollanti li tippermetti lill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jiddetermina r-residenza tal-Persuna Kontrollanti għall-finijiet ta' taxxa u jikkonferma li tali awtoċertifikazzjoni tkun raġonevoli abbażi tal-informazzjoni miksuba mingħand il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti, inkluż kwalunkwe dokumentazzjoni li tkun inġabret skont il-Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti.

3. Jekk fi kwalunkwe punt ikun hemm bidla fiċ-ċirkostanzi fir-rigward ta' Entità Utent tal-Kriptoassi jew tal-Persuni Kontrollanti tagħha li tikkawża lill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jkun jaf, jew ikollu raġuni li jkun jaf, li l-awtoċertifikazzjoni oriġinali ma tkunx korretta jew ma tkunx affidabbli, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta ma jistax jibbaża ruħu fuq l-awtoċertifikazzjoni oriġinali u għandu jikseb awtoċertifikazzjoni valida, jew spjegazzjoni raġonevoli u, fejn xieraq, dokumentazzjoni li tappoġġa l-validità tal-awtoċertifikazzjoni oriġinali.

Ċ. Rekwiżiti għall-validità tal-awtoċertifikazzjonijiet

1. Awtoċertifikazzjoni pprovduta minn Utent tal-Kriptoassi Individwali jew minn Persuna Kontrollanti tkun valida biss jekk tkun iffirmata jew xort'oħra affermata b'mod pożittiv mill-Utent tal-Kriptoassi Individwali jew mill-Persuna Kontrollanti, tkun datata sa mhux aktar tard mid-data meta tkun ġiet riċevuta u jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-Utent tal-Kriptoassi Individwali jew tal-Persuna Kontrollanti:

(a) l-isem u l-kunjom;

(b) l-indirizz tar-residenza;

(ċ) l-Istati Membri ta' residenza għall-finijiet ta' taxxa;

(d) fir-rigward ta' kull Persuna Rapportabbli, in-NIT fir-rigward ta' kull Stat Membru;

(e) id-data tat-twelid.

2. Awtoċertifikazzjoni pprovduta minn Entità Utent tal-Kriptoassi tkun valida biss jekk tkun iffirmata jew jekk tkun xort'oħra affermata b'mod pożittiv mill-Entità Utent tal-Kriptoassi, tkun datata sa mhux aktar tard mid-data meta tkun ġiet riċevuta u jkun fiha l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-Entità Utent tal-Kriptoassi:

(a) l-isem ġuridiku;

(b) l-indirizz;

(ċ) l-Istati Membri ta' residenza għall-finijiet ta' taxxa;

(d) fir-rigward ta' kull Persuna Rapportabbli, in-NIT fir-rigward ta' kull Stat Membru;

(e) fil-każ ta' Entità Utent tal-Kriptoassi għajr Entità Attiva jew Persuna Eskluża, l-informazzjoni deskritta fis-subparagrafu Ċ(1) fir-rigward ta' kull Persuna Kontrollanti tal-Entità Utent tal-Kriptoassi, diment li tali Persuna Kontrollanti pprovdiet awtoċertifikazzjoni skont is-subparagrafu Ċ(1), kif ukoll ir-rwoli li bis-saħħa tagħhom kull Persuna Rapportabbli tkun Persuna Kontrollanti tal-Entità, jekk dan ma jkunx diġà determinat abbażi ta' Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti;

(f) jekk applikabbli, l-informazzjoni dwar il-kriterji li tissodisfa sabiex tiġi ttrattata bħala Entità Attiva jew bħala Persuna Eskluża.

D. Rekwiżiti ġenerali ta' diliġenza dovuta

1. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti li jkun ukoll Istituzzjoni Finanzjarja għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jista' jibbaża fuq il-proċeduri ta' diliġenza dovuta mwettqa skont it-Taqsimiet IV u VI tal-Anness I għall-finijiet tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta skont din it-Taqsima. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jista' jibbaża wkoll fuq awtoċertifikazzjoni diġà miġbura għall-finijiet oħrajn ta' taxxa, diment li tali awtoċertifikazzjoni tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu Ċ ta' din it-Taqsima.

2. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jista' jibbaża ruħu fuq parti terza sabiex tissodisfa l-obbligi ta' diliġenza dovuta stabbiliti f'din it-Taqsima, iżda tali obbligi jibqgħu r-responsabbiltà tal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta.

TAQSIMA IV
TERMINI MFISSRA

It-termini li ġejjin għandhom it-tifsiriet hawn taħt stabbiliti :

A. Kriptoassi Rapportabbli

1. "Kriptoassi" tfisser kriptoassi kif imfisser fl-Artikolu 3(1), il-punt (5), tar-Regolament (UE) 2023/1114.

2. "Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali" tfisser kwalunkwe Munita ta' Kors Legali diġitali maħruġa minn Bank Ċentrali jew minn awtorità monetarja oħra.

3. "Bank Ċentrali" tfisser istituzzjoni li hija bil-liġi jew b'sanzjoni tal-gvern l-awtorità prinċipali, minbarra l-gvern tal-ġurisdizzjoni stess, li toħroġ strumenti maħsuba sabiex jiċċirkolaw bħala munita. Tali istituzzjoni tista' tinkludi istrumentalità li tkun separata mill-gvern tal-ġurisdizzjoni, kemm jekk tkun totalment jew parzjalment il-proprjetà tal-ġurisdizzjoni.

4. "Kriptoassi Rapportabbli" tfisser kwalunkwe Kriptoassi għajr Munita Diġitali tal-Bank Ċentrali, Flus Elettroniċi, jew kwalunkwe Kriptoassi li għalih il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jkun iddetermina b'mod adegwat li ma jistax jintuża għall-finijiet ta' pagament jew ta' investiment.

5. Għall-finijiet ta' dan l-Anness, "Flus Elettroniċi" tfisser kwalunkwe Kriptoassi li huwa:

(a) rappreżentazzjoni diġitali ta' Munita ta' Kors Legali waħda;

(b) maħruġ malli jiġu riċevuti fondi bil-għan li jsiru tranżazzjonijiet ta' pagament;

(ċ) rappreżentat minn pretensjoni fuq l-emittent denominat fl-istess Munita ta' Kors Legali;

(d) aċċettat b'pagament minn persuna fiżika jew

ġuridika għajr l-emittent; u

(e) bis-saħħa ta' rekwiżiti regolatorji li għalihom huwa soġġett l-emittent, jista' jinfeda fi kwalunkwe waqt u b'parità għall-istess Munita ta' Kors Legali fuq talba tad-detentur tal-prodott.

It-terminu "Flus Elettroniċi" ma jinkludix prodott maħluq għall-iskop uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi minn klijent lil persuna oħra skont l-istruzzjonijiet tal-klijent. Prodott ma jkunx maħluq għall-iskop uniku li jiffaċilita t-trasferiment ta' fondi jekk, fix-xogħol normali tan-negozju tal-Entità trasferenti, il-fondi marbutin ma' tali prodott jinżammu għal aktar minn sittin (60) jum wara li jaslulha l-istruzzjonijiet sabiex jiġi ffaċilitat it-trasferiment, jew jekk ma jaslux istruzzjonijiet, il-fondi marbutin ma' tali prodott jinżammu għal aktar minn sittin (60) jum wara li jaslulha l-fondi.

B. Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti

1. "Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi' tfisser fornitur ta' servizzi tal-kriptoassi kif imfisser fl-Artikolu 3(1), il-punt (15), tar-Regolament (UE) 2023/1114.

2. "Operatur tal-Kriptoassi" tfisser Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi għajr Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi.

3. "Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti" tfisser kwalunkwe Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi u kwalunkwe Operatur tal-Kriptoassi li jwettaq Servizz tal-Kriptoassi wieħed (1) jew aktar li jeffettwaw Tranżazzjonijiet ta' Skambju għal Utent Rapportabbli jew f'ismu.

4. "Servizz tal-Kriptoassi" tfisser servizz tal-kriptoassi kif imfisser fl-Artikolu 3(1), il-punt (16), tar-Regolament (UE) 2023/1114 inkluż l-involviment u s-self.

Ċ. Tranżazzjoni Rapportabbli

1. "Tranżazzjoni Rapportabbli" tfisser kwalunkwe:

(a) Tranżazzjoni ta' Skambju; u

(b) Trasferiment ta' Kriptoassi Rapportabbli.

2. "Tranżazzjoni ta' Skambju" tfisser kwalunkwe:

(a) skambju bejn il-Kriptoassi Rapportabbli u l-Muniti ta' Kors Legali; u

(b) skambju bejn forma ta' Kriptoassi Rapportabbli waħda (1) jew aktar.

3. "Tranżazzjoni ta' Pagament bl-Imnut Rapportabbli" tfisser Trasferiment ta' Kriptoassi Rapportabbli b'korrispettiv għal oġġetti jew servizzi ta' valur li jaqbeż USD $50,000 jew l-ammont ekwivalenti fi kwalunkwe munita oħra.

4. "Trasferiment" tfisser tranżazzjoni li ċċaqlaq Kriptoassi Rapportabbli mill-indirizz jew mill-kont tal-Kriptoassi ta' Utent tal-Kriptoassi wieħed (1) jew lejh, għajr dak miżmum mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'isem l-istess Utent tal-Kriptoassi, fejn, abbażi tal-għarfien disponibbli għall-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti fil-ħin tat-tranżazzjoni, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti ma jistax jiddetermina li t-tranżazzjoni hija Tranżazzjoni ta' Skambju.

5. "Munita ta' Kors Legali" tfisser il-munita uffiċjali ta' ġurisdizzjoni, maħruġa minn ġurisdizzjoni jew mill-Bank Ċentrali jew mill-awtorità monetarja maħtura minn ġurisdizzjoni, kif rappreżentata minn karti tal-flus jew muniti fiżiċi jew minn flus f'forom diġitali diversi, inkluż riżervi bankarji jew Muniti Diġitali tal-Bank Ċentrali. It-terminu jinkludi wkoll flus tal-banek kummerċjali u prodotti tal-flus elettroniċi (Flus Elettroniċi).

D. Utent Rapportabbli

1. "Utent Rapportabbli" tfisser Utent tal-Kriptoassi li jkun Persuna Rapportabbli residenti fi Stat Membru.

2. "Utent tal-Kriptoassi" tfisser individwu jew Entità li tkun klijent ta' Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għall-fini tat-twettiq ta' Tranżazzjonijiet Rapportabbli. Individwu jew Entità, għajr Istituzzjoni Finanzjarja jew Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti, li jaġixxu bħala Utent tal-Kriptoassi għall-benefiċċju ta', jew f'isem individwu ieħor jew Entità oħra bħala aġent, kustodju, persuna nominata, firmatarju, konsulent tal-investiment, jew intermedjarju, ma jiġux trattati bħala Utent tal-Kriptoassi, u tali individwu ieħor jew Entità oħra jiġu trattati bħala l-Utent tal-Kriptoassi. Fejn Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jipprovdi servizz ta' Tranżazzjonijiet ta' Pagament bl-Imnut Rapportabbli għal negozjant jew f'ismu, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għandu jittratta wkoll lill-klijent li huwa l-kontroparti tan-negozjant għal tali Tranżazzjonijiet ta'

Pagament bl-Imnut Rapportabbli bħala l-Utent tal-Kriptoassi fir-rigward ta' tali Tranżazzjoni ta' Pagament bl-Imnut Rapportabbli, diment li l-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti jkun meħtieġ jivverifika l-identità ta' tali klijent bis-saħħa tat-Tranżazzjoni ta' Pagament bl-Imnut Rapportabbli skont ir-regoli domestiċi kontra l-ħasil tal-flus.

3. "Utent tal-Kriptoassi Individwali" tfisser Utent tal-Kriptoassi li jkun individwu.

4. "Utent tal-Kriptoassi Individwali Preeżistenti" tfisser Utent tal-Kriptoassi Individwali li jkun stabbilixxa relazzjoni mal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti mill-31 ta' Diċembru 2025.

5. "Entità Utent tal-Kriptoassi' tfisser Utent tal-Kriptoassi li tkun Entità.

6. "Entità Utent tal-Kriptoassi Preeżistenti" tfisser Entità Utent tal-Kriptoassi li tkun stabbilixxiet relazzjoni mal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti mill-31 ta' Diċembru 2025.

7. "Persuna Rapportabbli" tfisser Persuna ta' Stat Membru għajr Persuna Eskluża.

8. "Persuna ta' Stat Membru" fir-rigward ta' Malta tfisser Entità jew individwu li huwa residenti fi kwalunkwe Stat Membru ieħor skont il-liġijiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Membru, jew patrimonju ta' persuna deċeduta li kienet residenti ta' kwalunkwe Stat Membru. Għal dan il-għan, Entità bħalma hija sħubija, sħubija b'responsabbiltà limitata jew arranġament legali simili, li ma għandhiex residenza għall-finijiet ta' taxxa għandha tiġi ttrattata bħala residenti fil-ġurisdizzjoni fejn tinsab is-sede ta' ġestjoni effettiva tagħha.

9. "Persuni Kontrollanti" tfisser il-persuni fiżiċi li jeżerċitaw kontroll fuq Entità. Fil-każ ta' trust, tali terminu jfisser is-settlors, it-trustees, il-protetturi jekk ikun hemm, il-benefiċjarji jew klassijiet ta' benefiċjarji, u kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv aħħari fuq it-trust, u fil-każ ta' arranġament ġuridiku għajr trust, dan it-terminu jfisser persuni f'pożizzjonijiet ekwivalenti jew simili. It-terminu "Persuni Kontrollanti" għandu jiġi interpretat b'mod konsistenti mat-terminu "sid benefiċjarju" kif imfisser fir-regolament 2, kif ukoll kif imfisser fir-regolament 2 tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu u l-livell ta'

L.S. 373.01.

kontroll għandu wkoll jiġi determinat f'konformità ma' tali tifsir sa fejn jirrigwarda l-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi.

10. "Entità Attiva" tfisser kwalunkwe Entità li tissodisfa kwalunkwe mill-kriterji li ġejjin:

(a) inqas minn ħamsin fil-mija (50%) tal-introjtu gross tal-Entità għas-sena kalendarja preċedenti jew għal perjodu ta' rapportar xieraq ieħor huwa introjtu passiv u inqas minn ħamsin fil-mija (50%) tal-assi miżmuma mill-Entità matul is-sena kalendarja preċedenti jew għal perjodu ta' rapportar xieraq ieħor huma assi li jipproduċu jew li jinżammu għall-produzzjoni ta' introjtu passiv;

(b) l-attivitajiet kollha tal-Entità jikkonsistu sostanzjalment fiż-żamma, totali jew parzjali, tal-istokk pendenti ta' sussidjarja waħda (1) jew aktar li jidħlu f'kummerċ jew f'negozji għajr in-negozju ta' Istituzzjoni Finanzjarja, jew mill-għoti ta' finanzjament u servizzi lilhom, ħlief li Entità ma tikkwalifikax għal dan l-istatus jekk l-Entità tiffunzjona, jew isservi, bħala fond ta' investiment, bħal fond ta' ekwità privata, fond ta' kapital ta' riskju, fond ta' akkwiżizzjoni maġġoritarja ingranata (leveraged buyout fund), jew kwalunkwe strument ta' investiment li l-għan tiegħu ikun li jakkwista jew li jiffinanzja kumpaniji u mbagħad ikollu interessi f'dawk il-kumpaniji bħala assi kapitali għall-finijiet ta' investiment;

(ċ) l-Entità għadha ma hijiex qed topera negozju u ma għandha l-ebda storja preċedenti ta' operat, iżda qiegħda tinvesti l-kapital f'assi bl-intenzjoni li topera negozju għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja, diment li l-Entità ma tikkwalifikax għal din l-eċċezzjoni wara d-data li tkun erbgħa u għoxrin (24) xahar wara d-data tal-organizzazzjoni inizjali tal-Entità;

(d) l-Entità ma kinitx Istituzzjoni Finanzjarja f'dawn l-aħħar ħames (5) snin u qiegħda fil-proċess li tillikwida l-assi tagħha jew qiegħda torganizza mill-ġdid bl-intenzjoni li tkompli jew li terġa' tibda l-operat f'negozju għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja;

(e) l-Entità primarjament tinvolvi ruħha fil-finanzjament u fi tranżazzjonijiet ta' hedging ma', jew għal, Entitajiet Relatati li mhumiex Istituzzjonijiet Finanzjarji, u ma tipprovdi finanzjament jew servizzi ta' hedging lil ebda Entità li ma tkunx Entità Relatata, diment

li l-grupp ta' tali Entitajiet Relatati jkun primarjament involut f'negozju għajr dak ta' Istituzzjoni Finanzjarja; jew

(f) l-Entità tissodisfa r-rekwiżiti kollha li ġejjin:

(i) hija stabbilita u topera fil-ġurisdizzjoni ta' residenza tagħha esklużivament għal finijiet reliġjużi, ta' karità, xjentifiċi, artistiċi, kulturali, atletiċi, jew edukattivi; jew hija stabbilita u topera fil-ġurisdizzjoni ta' residenza tagħha u hija organizzazzjoni professjonali, league tan-negozju, kamra tal-kummerċ, organizzazzjoni tax-xogħol, organizzazzjoni agrikola jew ortikulturali, league ċiviku jew organizzazzjoni mħaddma esklużivament għall-promozzjoni tal-benessri soċjali;

(ii) hija eżenti mit-taxxa fuq l-introjtu fil-ġurisdizzjoni ta' residenza tagħha;

(iii) ma għandha l-ebda azzjonist jew membru li għandu interess proprjetarju jew benefiċjali fl-introjtu jew fl-assi tagħha;

(iv) il-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tal-Entità jew id-dokumenti tal-formazzjoni tal-Entità ma jippermettu l-ebda introjtu jew assi tal-Entità li jitqassmu lil, jew jiġu applikati għall-benefiċċju ta' persuna privata jew ta' Entità mhux ta' karità għajr skont l-aġir tal-attivitajiet ta' karità tal-Entità, jew bħala pagament ta' kumpens raġonevoli għal servizzi mogħtija, jew bħala pagament li jirrappreżenta l-valur tas-suq ġust ta' proprjetà li tkun xtrat l-Entità; u

(v) il-liġijiet applikabbli tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tal-Entità jew id-dokumenti tal-formazzjoni tal-Entità jeħtieġu li, mal-likwidazzjoni jew ix-xoljiment tal-Entità, l-assi kollha tagħha jitqassmu lil Entità Governattiva jew lil organizzazzjoni oħra mingħajr skop ta' qligħ, jew jiġu ttrasferiti lill-gvern tal-ġurisdizzjoni ta' residenza tal-Entità jew xi suddiviżjoni politika tagħha.

E. Persuna Eskluża

1. "Persuna Eskluża" tfisser:

(a) Entità li l-istokk tagħha jiġi nnegozjat b'mod regolari f'suq tat-titoli stabbilit wieħed (1) jew aktar;

(b) kwalunkwe Entità li hija Entità Relatata ma' Entità deskritta fil-punt (a);

(ċ) Entità Governattiva;

(d) Organizzazzjoni Internazzjonali;

(e) Bank Ċentrali; jew

(f) Istituzzjoni Finanzjarja għajr Entità tal-Investiment deskritta fis-subparagrafu E(5), il-punt (b).

2. "Istituzzjoni Finanzjarja' tfisser Istituzzjoni ta' Kustodja, Istituzzjoni Depożitorja, Entità ta' Investiment, jew Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata.

3. "Istituzzjoni ta' Kustodja" tfisser Entità li żżomm, bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha, Assi Finanzjarji għal oħrajn. Entità żżomm Assi Finanzjarji għal oħrajn bħala porzjon sostanzjali tan-negozju tagħha jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għaż-żamma ta' Assi Finanzjarji u servizzi finanzjarji relatati jkun ugwali għal, jew jeċċedi l-għoxrin fil-mija (20%) tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn:

(i) il-perjodu ta' tliet (3) snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru, jew l-aħħar jum ta' perjodu tal-kontabbiltà ta' sena mhux kalendarja, qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew

(ii) il-perjodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti.

4. "Istituzzjoni Depożitorja" tfisser kwalunkwe Entità li:

(a) taċċetta depożiti fix-xogħol normali ta' negozju bankarju jew negozju simili; jew

(b) iżżomm Flus Elettroniċi jew Muniti Diġitali ta' Bank Ċentrali għall-benefiċċju tal-klijenti.

5. "Entità tal-Investiment" tfisser kwalunkwe Entità:

(a) li primarjament twettaq bħala negozju waħda (1) jew aktar mill-attivitajiet jew l-operati li ġejjin għal, jew f'isem klijent:

(i) negozjar ta' strumenti tas-suq monetarju (ċekkijiet, kambjali, ċertifikati tad-depożitu, derivattivi, eċċ.); muniti barranin; strumenti tal-kambju, tar-rati tal-imgħax u tal-indiċi; titoli trasferibbli; jew negozju tal-futuri tal-komoditajiet;

(ii) ġestjoni ta' portafolli individwali u kollettivi; jew

(iii) xort'oħra tinvesti, tamministra, jew timmaniġġja Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rapportabbli f'isem persuni oħrajn; jew

(b) li l-introjtu gross tagħha jkun attribwibbli primarjament għall-investiment, l-investiment mill-ġdid jew in-negozjar ta' Assi Finanzjarji jew ta' Kriptoassi Rapportabbli, jekk l-Entità tkun ġestita minn Entità oħra li tkun Istituzzjoni Depożitorja, Istituzzjoni ta' Kustodja, Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata, jew Entità tal-Investiment kif deskritt fis-subparagrafu E(5), il-punt (a).

Entità titqies li tkun primarjament qed tmexxi bħala negozju waħda (1) jew aktar mill-attivitajiet deskritti fis-subparagrafu E(5), il-punt (a), jew l-introjtu gross ta' Entità jiġi primarjament attribwibbli għal investiment, investiment mill-ġdid, jew negozju f'Assi Finanzjarji jew Kriptoassi Rapportabbli għall-finijiet tas-subparagrafu E(5), il-punt (b), jekk l-introjtu gross tal-Entità attribwibbli għall-attivitajiet rilevanti jkun ugwali għal, jew jaqbeż il-ħamsin fil-mija (50%) tal-introjtu gross tal-Entità matul l-iqsar wieħed minn:

(i) il-perjodu ta' tliet (3) snin li jintemm fil-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel is-sena li fiha ssir id-determinazzjoni; jew

(ii) il-perjodu li matulu l-Entità tkun ilha teżisti.

Għall-finijiet tas-subparagrafu E(5), il-punt (a)(iii), it-terminu "l-investiment, l-amministrazzjoni, jew il-ġestjoni ta' Assi Finanzjarji, flus, jew Kriptoassi Rapportabbli b'xi mod ieħor f'isem persuni oħrajn" ma

jinkludix il-forniment ta' servizzi li jwettqu Tranżazzjonijiet ta' Skambju għall-klijenti jew f'isimhom. It-terminu "Entità tal-Investiment" ma jinkludix Entità li tkun Entità Attiva għaliex tissodisfa xi wieħed mill-kriterji fis-subparagrafu D(10), il-punti (b) sa (e).

Dan is-subparagrafu għandu jkun interpretat b'mod li jkun konsistenti ma' lingwaġġ simili stipulat fit-tifsira ta' "istituzzjoni finanzjarja" fl-Artikolu 3, il-punt (2), tad-Direttiva (UE) 2015/849.

6. "Kumpanija tal-Assigurazzjoni Speċifikata" tfisser Entità li tkun kumpanija tal-assigurazzjoni, jew il-kumpanija azzjonarja ta' kumpanija tal-assigurazzjoni, li toħroġ, jew li tkun obbligata tagħmel pagamenti fir-rigward ta' Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus jew Kuntratt ta' Annwalità.

7. "Entità Governattiva" tfisser il-gvern ta' ġurisdizzjoni, kwalunkwe suddiviżjoni politika ta' ġurisdizzjoni, li sabiex jiġi evitat id-dubju, tinkludi Stat, provinċja, kontea, jew muniċipalità, jew kwalunkwe aġenzija jew strument li jkunu kompletament proprjetà ta' ġurisdizzjoni jew ta' xi waħda jew aktar minn dawn ta' hawn fuq. Din il-kategorija hija magħmula mill-partijiet integrali, mill-entitajiet ikkontrollati, u mis-suddiviżjonijiet politiċi ta' ġurisdizzjoni.

(a) "Parti integrali" ta' ġurisdizzjoni tfisser kwalunkwe persuna, organizzazzjoni, aġenzija, bureau, fond, strument, jew korp ieħor, jissemma kif jissemma, li jikkostitwixxi awtorità governattiva ta' ġurisdizzjoni. Il-qligħ nett tal-awtorità governattiva għandu jiġi kkreditat lill-kont proprju jew lil kontijiet oħrajn tal-ġurisdizzjoni, filwaqt li l-ebda sehem ma jkun għall-benefiċċju ta' xi persuna privata. Parti integrali ma tinkludi l-ebda individwu li jkun sovran, uffiċjal, jew amministratur li jaġixxi f'kapaċità privata jew personali.

(b) "Entità kkontrollata" tfisser Entità li tkun separata fil-forma mill-ġurisdizzjoni jew li b'xi mod ieħor tikkostitwixxi entità ġuridika separata, diment li:

(i) l-Entità tkun totalment proprjetà ta', u tkun ikkontrollata direttament minn Entità Governattiva waħda jew aktar, jew permezz ta' entità kkontrollata waħda jew aktar;

(ii) il-qligħ nett tal-Entità jkun ikkreditat

fil-kont proprju jew fil-kontijiet ta' Entità Governattiva waħda (1) jew iktar, filwaqt li l-ebda sehem tal-introjtu tagħha ma għandu jkun għall-benefiċċju ta' xi persuna privata; u

(iii) max-xoljiment, l-assi tal-Entità jiġu vestiti f'Entità Governattiva waħda (1) jew aktar.

(ċ) L-introjtu ma jkunx għall-benefiċċju ta' persuni privati jekk tali persuni jkunu l-benefiċjarji intenzjonati ta' programm governattiv, u l-attivitajiet tal-programm jitwettqu għall-pubbliku inġenerali fir-rigward tal-benesseri komuni jew ikunu relatati mal-amministrazzjoni ta' xi fażi tal-gvern. Madankollu, minkejja dak hawn fuq stipulat, l-introjtu jitqies li jkun għall-benefiċċju ta' persuni privati jekk l-introjtu jkun idderivat mill-użu ta' entità governattiva għat-tmexxija ta' negozju kummerċjali, bħal negozju bankarju kummerċjali, li jipprovdi servizzi finanzjarji lil persuni privati.

8. "Organizzazzjoni Internazzjonali' tfisser kwalunkwe organizzazzjoni internazzjonali jew aġenzija li tkun totalment proprjetà ta', jew strument tagħha. Din il-kategorija tinkludi kwalunkwe organizzazzjoni intergovernattiva, inkluż organizzazzjoni supranazzjonali:

(a) li tkun primarjament magħmula minn gvernijiet;

(b) li fil-fatt ikollha kwartieri ġenerali jew ftehim sostanzjalment simili mal-ġuriżdizzjoni; u

(ċ) li l-introjtu tagħha ma jkunx għall-benefiċċju ta' persuni privati.

9. "Assi Finanzjarju" tinkludi titolu, pereżempju, sehem ta' stokk f'korporazzjoni; sħubija jew interess fuq sjieda benefiċjarja fi sħubija jew trust b'parteċipazzjoni wiesgħa jew innegozjata pubblikament; kambjala, bond, titolu obbligazzjonarju, jew evidenza oħra ta' dejn, interess fi sħubija, komoditià, swap, pereżempju, swaps tar-rati tal-imgħax, swaps ta' munita, swaps varjabbli, limiti fuq ir-rati tal-imgħax, rati tal-imgħax minimi (interest rate floors), swaps ta' komoditajiet, swaps ta' ekwità, swaps tal-indiċi ta' ekwità, u ftehimiet simili, Kuntratt tal-Assigurazzjoni jew Kuntratt ta' Annwalità, jew kwalunkwe interess, inkluż kuntratt jew opzjoni tal-futuri jew forward, f'titolu, fi Kriptoassi Rapportabbli, interess ta' sħubija,

f'komodità, fi swap, f'Kuntratt tal-Assigurazzjoni, jew f'Kuntratt ta' Annwalità. It-terminu "Assi Finanzjarju" ma jinkludix interess dirett mingħajr dejn fi proprjetà immobbli.

10. "Interess ta' Ekwità" tfisser, fil-każ ta' sħubija li tkun Istituzzjoni Finanzjarja, interess fuq kapital jew fuq il-qligħ fis-sħubija. Fil-każ ta' trust li tkun Istituzzjoni Finanzjarja, Interess ta' Ekwità hu meqjus li jkun miżmum minn kwalunkwe persuna li titqies bħala *settlor* jew benefiċjarju tat-trust kollha jew ta' porzjon minnha, jew kwalunkwe persuna fiżika oħra li teżerċita kontroll effettiv aħħari fuq it-trust. Persuna Rapportabbli titqies bħala benefiċjarju ta' trust jekk tali Persuna Rapportabbli jkollha d-dritt li tirċievi direttament jew indirettament, pereżempju, permezz ta' persuna nominata, distribuzzjoni mandatorja jew tista' tirċievi, direttament jew indirettament, distribuzzjoni diskrezzjonarja mit-trust.

11. "Kuntratt ta' Assigurazzjoni" tfisser kuntratt, għajr Kuntratt ta' Annwalità, li bih l-emittent jaqbel li jħallas ammont mal-okkorrenza ta' kontinġenza speċifikata li tinvolvi mortalità, morbożità, inċident, responsabbiltà, jew riskju tal-proprjetà.

12. "Kuntratt ta' Annwalità" tfisser kuntratt li bih l-emittent jaqbel li jagħmel pagamenti għal perjodu ta' żmien totalment jew parzjalment determinat b'referenza għall-istennija tal-ħajja ta' individwu wieħed (1) jew aktar. It-terminu jinkludi wkoll kuntratt li jitqies bħala Kuntratt ta' Annwalità f'konformità mal-liġi, mar-regolamenti, jew mal-prattiki tal-Istat Membru jew ġurisdizzjoni oħra li fiha inħareġ il-kuntratt , u li taħtu l-emittent jaċċetta li jagħmel pagamenti għal terminu ta' snin.

13. "Kuntratt tal-Assigurazzjoni b'Valur fi Flus" tfisser Kuntratt tal-Assigurazzjoni, għajr kuntratt tar-riassigurazzjoni ta' indennizz bejn żewġ (2) kumpaniji tal-assigurazzjoni, li għandu Valur fi Flus.

14. "Valur fi Flus" tfisser l-ikbar minn:

(i) l-ammont li d-detentur tal-polza jkun intitolat li jirċievi meta jseħħ ċediment jew terminazzjoni tal-kuntratt, iddeterminat mingħajr tnaqqis għal ebda ħlas għaċ-ċediment jew self għall-polza; u

(ii) l-ammont li d-detentur tal-polza jista' jissellef skont il-kuntratt jew fir-rigward tiegħu. Minkejja dak hawn fuq indikat, it-terminu "Valur fi Flus" ma jinkludix

ammont pagabbli skont Kuntratt tal-Assigurazzjoni:

(a) unikament minħabba l-mewt ta' individwu assigurat skont kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja;

(b) bħala benefiċċju għal korriment personali jew għall-mard, jew benefiċċju ieħor li jipprovdi indennizz ta' telf ekonomiku li jiġġarrab malli jseħħ l-avveniment kopert mill-assigurazzjoni;

(ċ) bħala rifużjoni ta' premium li jkun tħallas qabel, bit-tnaqqis tal-kost tal-imposti tal-assigurazzjoni kemm jekk realment imposti jew xort'oħra, skont Kuntratt tal-Assigurazzjoni, għajr kuntratt tal-assigurazzjoni fuq il-ħajja marbut ma' investiment jew kuntratt ta' annwalità, minħabba kanċellazzjoni jew terminazzjoni tal-kuntratt, tnaqqis fl-espożizzjoni tar-riskju matul il-perjodu effettiv tal-kuntratt, jew b'riżultat tal-korrezzjoni ta' kollokament jew żball simili rigward il-premium għall-kuntratt;

(d) bħala dividend ta' detentur tal-polza, għajr dividend tat-terminazzjoni, diment li d-dividend ikun relatat ma' Kuntratt tal-Assigurazzjoni li taħtu l-uniċi benefiċċji pagabbli huma deskritti fil-punt (b); jew

(e) bħala dħul ta' premium bil-quddiem jew depożitu tal-premium għal Kuntratt tal-Assigurazzjoni li għalih il-premium huwa pagabbli mill-inqas annwalment jekk l-ammont tal-premium bil-quddiem jew id-depożitu tal-premium ma jaqbiżx il-premium annwali li jmiss li jkun pagabbli skont il-kuntratt.

F. Mixxellanji

1. "Proċeduri ta' Diliġenza Dovuta tal-Klijenti" tfisser il-proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijenti ta' Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti skont id-Direttiva (UE) 2015/849 jew rekwiżiti simili li għalihom huwa soġġett tali Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti.

2. "Entità" tfisser persuna ġuridika jew arranġament ġuridiku, bħal korporazzjoni, sħubija, trust jew fondazzjoni.

3. Entità tkun "Entità Relatata" ta' Entità oħra jekk waħda mill-Entitajiet tikkontrolla lill-Entità l-oħra, jew iż-żewġ (2) Entitajiet jkunu taħt kontroll komuni. Għal dan l-għan, il-kontroll jinkludi sjieda diretta jew indiretta ta' aktar minn ħamsin fil-mija (50%) tal-vot u l-valur f'Entità.

4. "Fergħa" tfisser unità, negozju jew uffiċċju ta' Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti li jitqies bħala fergħa skont ir-reġim regolatorju ta' ġurisdizzjoni jew li xort'oħra jkun regolat skont il-liġijiet ta' ġurisdizzjoni bħala separat minn uffiċċji, unitajiet jew fergħat oħrajn tal-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti. L-unitajiet, in-negozji, jew l-uffiċċji kollha ta' Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'ġurisdizzjoni waħda għandhom jitqiesu bħala fergħa waħda.

5. "Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv" tfisser ftehim bejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru u ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jirrikjedi l-iskambju awtomatiku tal-informazzjoni li tikkorrispondi ma' dik speċifikata fit-Taqsima II, il-paragrafu B, ta' dan l-Anness kif determinat minn att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 8ad(11) tad-Direttiva (UE) dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva.

6. "Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni" tfisser ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni li jkollha fis-seħħ Ftehim bejn l-Awtoritajiet Kompetenti Kwalifikanti Effettiv mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha li jkunu identifikati bħala ġurisdizzjonijiet rapportabbli f'lista ppubblikata mill-ġurisdizzjoni mhux tal-Unjoni.

7. "NIT" tfisser in-Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent jew l-ekwivalenti funzjonali, fin-nuqqas ta' Numru ta' Identifikazzjoni tal-Kontribwent. In-NIT huwa kwalunkwe numru jew kodiċi li awtorità kompetenti tuża sabiex tidentifika kontribwent.

8. "Servizz ta' Identifikazzjoni" tfisser proċess elettroniku magħmul disponibbli mingħajr ħlas minn Stat Membru jew l-Unjoni lil Operatur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti għall-finijiet li tiġi aċċertata l-identità u r-residenza tat-taxxa ta' Utent tal-Kriptoassi.

TAQSIMA V
IMPLIMENTAZZJONI EFFETTIVA

A. Regoli għall-infurzar tar-rekwiżiti tal-ġbir u tal-verifika

stabbiliti fit-Taqsima III

1. Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandhom jinfurzaw ir-rekwiżiti tal-ġbir u tal-verifika skont it-Taqsima III fir-rigward tal-Utenti tal-Kriptoassi tagħhom.

2. Fejn Utent tal-Kriptoassi ma jipprovdix l-informazzjoni meħtieġa skont it-Taqsima III wara żewġ (2) tfakkiriet wara t-talba inizjali mill-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta, iżda mhux qabel l-iskadenza ta' sittin (60) jum, il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandu jipprevjeni lill-Utent tal-Kriptoassi milli jwettaq Tranżazzjonijiet Rapportabbli.

B. Regoli li jeħtieġu li l-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta jżommu r-records tal-passi li ttieħdu u ta' kwalunkwe informazzjoni li bbażaw ruħhom fuqha għat-twettiq tar-rekwiżiti tar-rapportar u tal-proċeduri ta' diliġenza dovuta, u l-miżuri xierqa sabiex jinkisbu dawk ir-records.

1. Il-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandhom iżommu r-records tal-passi li jkunu ttieħdu u ta' kwalunkwe informazzjoni li jkunu użaw għat-twettiq tal-proċeduri tar-rekwiżiti tar-rapportar u tad-diliġenza dovuta stipulati fit-Taqsimiet II u III, rispettivament. Tali records għandhom jibqgħu disponibbli għal perjodu twil biżżejjed u fi kwalunkwe każ għal perjodu ta' mhux inqas minn ħames (5) snin iżda mhux aktar minn għaxar (10) snin wara tmiem il-perjodu li fih il-Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta huwa meħtieġ jirrapporta l-informazzjoni jekk l-informazzjoni hija rapportabbli skont it-Taqsima II.

2. Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta għandhom jiżguraw li l-informazzjoni kollha neċessarja tiġi rrapportata lill-Kummissarju sabiex l-awtorità kompetenti tkun tista' tissodisfa l-obbligu li tikkomunika l-informazzjoni skont ir-regolament 13(13)(ċ).

Ċ. Proċeduri amministrattivi sabiex tiġi vverifikata l-konformità tal-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta mar-rekwiżiti ta' rapportar u mal-proċeduri ta' diliġenza dovuta

Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri amministrattivi sabiex jivverifikaw il-konformità tal-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta mar-rekwiżiti ta' rapportar u

mal-proċeduri ta' diliġenza dovuta stipulati fit-Taqsimiet II u III, rispettivament.

D. Proċeduri amministrattivi għas-segwitu mal-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta fejn tiġi rrapportata informazzjoni mhux kompluta jew mhux preċiża

Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri biex ikun hemm segwitu mal-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta meta l-informazzjoni rrapportata ma tkunx kompluta jew preċiża.

E. Proċedura amministrattiva għall-awtorizzazzjoni ta' Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, li hi l-awtorità kompetenti f'Malta li tipprovdi l-awtorizzazzjoni lill-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi f'konformità mar-Regolament (UE) 2023/1114 u mal-Att dwar is-Swieq fil-Kriptoassi għandha tikkomunika fuq bażi regolari u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja rilevanti jew perjodu xieraq ieħor lill-awtorità kompetenti ta' Malta lista tal-Fornituri ta' Servizzi tal-Kriptoassi awtorizzati kollha. Kap. 647.

F. Proċedura amministrattiva għal reġistrazzjoni unika ta' Operatur tal-Kriptoassi

1. Operatur tal-Kriptoassi li jkun Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti f'Malta li jirrapporta kif imfisser fit-Taqsima IV, is-subparagrafu B(3), għandu jirreġistra, skont ir-regolament 13(13)(e), mal-Kummissarju kif determinat skont it-Taqsima I, is-subparagrafu A(2), il-punt (a), (b), (ċ) jew (d), jew il-paragrafu B, qabel tmiem il-perjodu li fih tali Operatur tal-Kriptoassi għandu jirrapporta l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima II, il-paragrafu B. Jekk tali Operatur tal-Kriptoassi jissodisfa l-kundizzjonijiet fit-Taqsima I, is-subparagrafu A(2), il-punt (a), (b), (ċ) jew (d), jew il-paragrafu B, rispettivament, f'aktar minn Stat Membru wieħed, huwa għandu jirreġistra mal-awtorità kompetenti ta' wieħed minn dawk l-Istati Membri, qabel tmiem il-perjodu li fih l-Operatur tal-Kriptoassi jrid jirrapporta l-informazzjoni stipulata fit-Taqsima II, il-paragrafu B.

Minkejja s-subparagrafu F(1), l-ewwel subparagrafu, Operatur tal-Kriptoassi li huwa Fornitur ta' Servizzi tal-Kriptoassi Rapportanti kif imfisser fit-Taqsima IV, is-subparagrafu B(3), ma għandux jirreġistra mal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru li fih tali Operatur tal-Kriptoassi ma jkunx meħtieġ jikkompleta r-rekwiżiti ta'

rapportar u ta' diliġenza dovuta stabbiliti fit-Taqsimiet II u III, rispettivament, skont it-Taqsima I, il-paragrafu Ċ, D, E, F, G jew H, peress li tali rekwiżiti jitlestew minn tali Operatur tal-Kriptoassi fi kwalunkwe Stat Membru ieħor.

2. Jekk Malta tkun l-Istat Membru magħżul għall-finijiet ta' reġistrazzjoni unika, determinata skont is- subparagrafu F (1), mar-reġistrazzjoni, l-Operatur tal- Kriptoassi għandu jikkomunika lill-Kummissarju l- informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem;

(b) l-indirizz postali;

(ċ) l-indirizzi elettroniċi, inkluż is-siti web;

(d) kwalunkwe NIT maħruġ lill-Operaturi tal-Kriptoassi;

(e) l-Istati Membri li fihom l-Utenti Rapportabbli huma residenti skont it-tifsira tat-Taqsima III, il-paragrafi A u B;

(f) kwalunkwe Ġurisdizzjoni Kwalifikata Mhux tal-Unjoni kif imsemmi fit-Taqsima I, il-paragrafi Ċ, D, E, F jew H.

3. L-Operatur tal-Kriptoassi għandu jinnotifika lill-Kummissarju dwar kwalunkwe tibdil li tista' ssir fl-informazzjoni pprovduta skont is-subparagrafu F(2).

4. Għandu jiġi allokat numru ta' identifikazzjoni individwali lill-Operatur tal-Kriptoassi u l-awtorità kompetenti f'Malta għandha tinnotifikah lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri kollha permezz ta' mezzi elettroniċi.

5. Jekk Malta tkun l-Istat Membru uniku ta' reġistrazzjoni , il-Kummissarju għandu jkun jista' jneħħi Operatur tal-Kriptoassi mir-reġistru tal-Operaturi tal-Kriptoassi fil-każijiet li ġejjin:

(a) l-Operatur tal-Kriptoassi jinnotifika lill-Kummissarju li ma għadx għandu Utenti Rapportabbli fl-Unjoni;

(b) fin-nuqqas ta' notifika skont il-punt (a), ikun hemm raġunijiet sabiex wieħed jassumi li l-attività ta' Operatur tal-Kriptoassi tkun waqfet;

(ċ) l-Operatur tal-Kriptoassi ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima IV, is-subparagrafu B(2);

(d) il-Kummissarju rrevoka r-reġistrazzjoni skont is-subparagrafu F(7).

6. L-awtorità kompetenti ta' Malta għandha tinnotifika minnufih lill-Kummissaerju dwar kwalunkwe Operatur tal-Kriptoassi skont it-tifsira tat-Taqsima IV, is-subparagrafu B(2), li jkollu Utenti Rapportabbli residenti fl-Unjoni filwaqt li jonqos milli jirreġistra lilu nnifsu skont dan il-paragrafu.

7. Fejn Operatur tal-Kriptoassi ma jikkonformax mal-obbligu li jirrapporta skont it-Taqsima II, il-paragrafu B, ta' dan l-Anness wara żewġ (2) tfakkiriet mill-Kummissarju, jekk Malta tkun l-Istat Membru uniku ta' reġistrazzjoni, il-Kummissarju għandu, bla ħsara għar-regolament 53, jirrevoka r-reġistrazzjoni tal-Operatur tal-Kriptoassi li tkun saret skont r-regolament 13(13)(e). Ir-reġistrazzjoni għandha tiġi revokata sa mhux aktar tard mill-iskadenza ta' disgħin (90) jum iżda mhux qabel l-iskadenza ta' tletin (30) jum wara t-tieni tfakkira.".